# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 16 ta' Diċembru, 2024**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 138/2021 ISB**

**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**1. Avukat tal-Istat; u**
**2. Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Elton Taliana**, intavolat fid-9 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara u tiddeċidi illi l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija (Dok. A) fil-konfront tiegħu datat 15 ta' Jannar 2021 jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu sanċiti fl-Art. 34 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jiddisponu illi "Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nfurmat minnufih .... dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu" billi ma jindika ebda xorta ta' reat u/jew ir-raġunijiet tal-arrest u tfittxija u 'No person shall be deprived of his liberty save .... In accordance with a procedure prescribed by law";*

2. *Tiddikjara l-intimati ħatja ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti fuq indikati u illi konsegwentement, l-arrest, id-detenzjoni, l-interrogazzjoni, it-tfittxija u t-tehid ta' oġġetti f'din it-tfittxija huma nulli billi huma konsegwenza diretta ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxijali saru bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

3. *Tgħati dawk ir-rimedji kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi fosthom:*
   - *(i) Tiddikjara lill-intimati responsabbli għal kumpens u danni pekunjarju u mhux pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-arrest, detenzjoni, interrogazzjoni u tfittxija illegali;*
   - *(ii) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;*
   - *(iii) Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens u danni hekk likwidati ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja; u*
   - *(iv) Tordna li isem l-intimat jitħassar mid-'detainee book' miżmum mill-Pulizija fejn tniżżel illegalment u bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-esponent u tgħati dawk ir-rimedji opportuni dwar ir-riżultat rivedut tal-'Post Positions of Police Superintendents'.*

U dan wara illi ppremetta:

- *(i) Illi r-rikorrenti huwa Spettur tal-Pulizija.*

- *(ii) Illi fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, 2013, meta l-esponenti kien Spettur b'żewġ pipps, huwa kien ressaq persuna u akkużah b'serq aggravat; din il-persuna kienet ammettiet l-akkuża u bħala riżultat, persuna oħra – li ma kellha x'taqsam xejn mas-serqa u li kienet ġiet mressqa minn żewġ spetturi tas-CID, u li kienet miżmuma f'Kordin billi l-Qorti kienet ċaħditilha l-liberta' provvizorja – kienet ġiet skarċerata u l-proċeduri kriminali kontra tagħha ġew irtirati.*

- *(iii) Illi kontra kull sembjanza ta' loġika, dwar il-każ fuq imsemmi, l-Kummissarju ta' dak iż-żmien, Peter Paul Zammit kien beda proċeduri dixxiplinari (li jwasslu għat-tkeċċija) kontra l-esponenti quddiem il-Public Service Commission wara rapport tal-Police Board kompost minn persuni appuntati ad hoc (u mhux mill-membri stabbiliti mill-liġi), liema proċeduri ġew irtirati wara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Lulju 2020 li ddikjarat null u bla effett tali rapport tal-Police Board;*

- *(iv) Illi f'dawn is-seba snin bejn l-2013 u l-2020, minħabba il-proċeduri pendenti quddiem il-Public Service Commission, l-esponenti la setgħa jingħata l-increments fil-paga u anqas setgħa jingħata promozzjoni ċioe jingħata t-tielet pip b'dan illi ma setgħax jieħu promozzjoni għal Supretendent.*

- *(v) Illi wara numru ta' kawżi deċiżi minn diversi Qrati tal-pajjiż (kemm il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kif ukoll il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)), u b'mod partikolari is-sentenzi (a) tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru 2020 (Rik Nru. 1238/2019 fl-ismijiet' Spettur Elton Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et") fejn il-Qorti ddikjarat illi "ir-rikorrenti għandu jedd għat-tielet pipp", u (b) dik tal-Qorti tal-*

*Appell tal-20 ta' Lulju 2020 – huwa ingħata it-tielet pipp u sottometta ruħhu għal interview biex jilħaq supretendent.*

*(vi) Illi fil-15 ta' Jannar 2021, skond ir-riżultat ippubblikat mill-PSC (Revised Result for Post Positions of Police Superintendents), l-esponenti kellu jiġi appuntat supretendent.*

*(vii) Illi fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel l-15 ta' Jannar 2021, l-esponenti kien qed jagħmel investigazzjoni dwar impurtar u traffikar ta' droga liema investigazzjoni setgħet twassal għall-investigazzjoni oħra ta' involviment ta' Politically Exposed Person (PEP);*

*(viii) Illi fil-15 ta' Jannar 2021 inħareġ Mandat ta' Arrest u Tfittxija kontra l-esponenti – kopja tiegħu annessa bħala Dok. A – u li kif jirriżulta palezament, ma jindika ebda raġuni u/jew reat fuq xix qed jiġi investigat kif titlob il-liġi fl-Art. 355AC u 355AĠ tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta); dan il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija kien ukoll bi ksur tal-Art. 34 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 5(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li jiddisponu illi "Illi minn ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nfurmat minnufih .... dwar ir-raġunijeit tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu".*

*(ix) Illi skond l-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, enforzabbli Malta bħala liġi domestika skond il-Kapitlu 319, 'No one shall be deprived of his liberty save in the following cases <u>and according to a procedure prescribed by law</u>'. Dan ifisser illi l-provvedimenti kollha tal-liġi ordinarja domestika dwar arrest u detenzjoni għandhom jiġu osservati; fin-nuqqas ta' din l-osservanza, l-arrest jew id-detenzjoni ikunu mhux biss illegali, imma vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-vittma. Ġia ġie indikat hawn fuq il-ksur ta' dak li jipprovdi l-Kodiċi Kriminali, u li ma ġiex osservat.*

*(x) Illi fil-fatt, huwa ġie arrestat, detentut u interrogat u saritlu tfittxija fid-dar tiegħu fejn ittieħdulu xi oġġetti personali tiegħu, fosthom il-mobile phone tiegħu, u ismu ġie mniżżel fid-'detainee book'; fl-istess jum tal-15 ta' Jannar 2021, huwa ġie sospiż mid-doveri tiegħu.*

*(xi) Illi għalhekk kemm il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija u konsegwentement l-arrest, detenzjoni, l-interrogazzjoni w it-tfittxija u t-tehid ta' kwalunkwe oġġett personali tiegħu saru bi ksur tal-liġi, tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*(xii) Illi l-esponenti ma wettaq ebda reat u dak li sar fil-konfront tiegħu, sar biss biex titkompla il-vittimizzazzjoni fil-konfront tiegħu li ilu assoġġettat għaliha mill-2013 u kredibilment biex ma titkompliex l-investigazzjoni li kienet qed issir mill-esponenti dwar impurtar u traffikar ta' droga fejn kien hemm indikazzjonijiet ta' involviment ta' Politically Exposed Person.*

Rat id-dokument ppreżentat mar-rikors (fol 7);

Rat id-digriet tagħha, kif diverament preseduta, tas-16 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għat-8 ta' Ġunju 2021 fl-10:30 a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fl-4 ta' Mejju 2021 (fol 10) li permezz tagħha eċċeppixxa:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-artikolu 5 (1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li skont ir-rikorrenti, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija agixxa bi ksur tal-Artikoli 355AC u 355AG tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' locus standi tal-Avukat tal-Istat peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda allegat agir tal-Kummissarju tal-Pulizija bil-konsegwenza li l-Avukat tal-Istat ghandu jigi dikjarat bhala mhux legittimu kontradittur u jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a disposizzjoni rimedji ordinarji sabiex ihares id-drittijiet pretizi minnu. Illi minn qari anke superficjali tar-rikors promotur jirrizulta li dak li qieghed jilmenta minnu r-rikorrenti huwa l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija meta gie biex jesegwixxi l-arrest u t-tfittxija li saret fil-konfront tar-rikorrenti, kwistjonijiet li huma regolati permezz tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u cioe' bit-thaddim tal-istess disposizzjonijiet li jfisser ukoll li l-qrati li ghandhom jiddisponu minn tali kwistjonijiet huma l-qrati penali f'dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Dawn l-ilmenti tar-rikorrent li qieghed iqajjem permezz tar-rikors promotur huma ilmenti li jirrigwardaw ligi ordinarja penali u li ghalhekk ghandhom jigu mqajjma u decizi mill-Qrati penali. Jekk ir-rikorrent kien tal-fehma li l-arrest tieghu kien wiehed illegali seta` dejjem juza l-procedura stabbilita mill-artikolu 409A tal- Kap 9.*

   *L-esponenti ghalhekk jecepixxu n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni konvenzjonali taghha ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu, ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni minhabba l-arrest tar-rikorrenti li sehh fis-16 ta` Jannar 2021 (akkordat fil-15 ta' Jannar 2021), jibda biex jinghad li dawn l-artikoli huma intizi sabiex iharsu lill-individwu minn arrest arbitrarju. Illi sabiex id-detenzjoni jew arrest ma tkunx wahda arbitrarja skont l-artikoli msemmija dik id-detenzjoni trid tkun konsistenti mal-ghan tal-istess artikoli u cioe' li l-indivdwu jigi mhares mill-arbitrarjeta'. Illi madanakollu dan il-principju mhuwiex wiehed assolut u dan stante li z-zewg artikoli jikkontjenu lista ezawrenti tar-ragunijiet li ghalihom tista' titnehha l-liberta' ta' xi persuna.*

   *Uhud mir-ragunijiet li skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jiggustifikaw il-privazzjoni mil-liberta' huma dawk mahsuba fil-paragrafu (c) tal-istess artikolu u cioe' meta l-arrest jew detenzjoni ta' persuna tkun skont il-ligi u effetwata sabiex il-persuna tigi migjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti. L-artikolu 34 (e) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar li l-liberta personali tista tigi ipprivata fuq suspett ragjonevoli li l-persuna arresta wettqet reat.*

   *Fil-kaz odjern, l-arrest tar-rikorrenti kien jinkwadra ruhu perfettament taht il-paragrafu (c) tal-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 34 (e) tal-Kostituzzjoni b'dana li l-arrest tar-rikorrenti sehh minhabba suspett ragjonevoli li wettaq reati in konnessjoni ma` computer misuse fost ohrajn liema arrest kien pjenament fis-setghat moghtija lil-pulizija.*

   *Illi kif ser jigi spjegat fil-kors tas-smigh ta` din il-kawza, il-Kummissarju tal-Pulizija agixxa biex jarresta lir-rikorrenti ghaliex kellu evidenza li ngabret kontra r-rikorrenti u tali evidenza qanqlet suspett ragonevoli li r-rikorrenti wettaq diversi reati kriminali. Illi jirrizulta wkoll li fil-mument tal-arrest tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti gie infurmat b'mod immedjat li hu qieghed taht arrest kif ukoll gie mgharraf ir-raguni ghala kien qieghed jigi arrestat u inghata d-drittijiet kollha skont il-ligi. Apparti dan kollu l-pulizija kellha wkoll mandat ta` arrest u tfittxija mahrug minn Magistrat. Ghalhekk f'mohh l-esponenti ma hemm l-ebda dubju li l-arrest tar-rikorrenti kien wiehed gustifikat abbazi tal-Artikolu 5 (1) (c) tal-Konvenzjoni Ewropeja u 34(f) tal-Kostituzzjoni u li fl-ebda mod ma gew imxellfa l-protezzjonijiet li jahsbu ghalihom l-istess artikoli. Il-fatt li l-mandat tal-arrest in kwistjoni seta` kien nieqes minn xi formalita` ma jfissirx li bilfors hemm vjolazzjoni tal-jedd deskritt fl-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Wara kollox il-Magistrat tal-ghassa akkordat dak il-mandat ta` arrest u tfittxija abbazi tal-informazzjoni li inghatat mill-ufficjali tal-pulizija stess.*

   *Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrent wara li gie arrestat, inghata d-drittijiet kollha spettanti lilu skont il-ligi kull darba li gie interrogat mill-pulizija u inghata wkoll il-jedd li jkellem avukat. Fil-verita`, ir-rikorrent qatt ma nzamm arrestat fil-lock-up gewwa d-Depot jew f`xi post iehor ta` detenzjoni u fi*

*kwalunkwe kaz ir-rikorrent inzamm mil-pulizija ferm inqas mit-tmienja u erbgha siegha li jirreferu kemm il-Kostituzzjoni fl-artikolu 34 (3) u l-artikolu 355AJ tal-Kap 9.*

*Ghaldaqstant, id-detenzjoni tar-rikorrenti kienet wahda gustifikabbli u permissibbli u dan peress li kien hemm suspett ragonevoli li l-istess rikorrenti ikkommetta reat kriminali.*

4. *Illi jsegwi ghalhekk li l-ebda dritt garantit permezz tal-artikoli 5 (1 (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja u mill-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ma gew mittiefsa bil-konsegwenza li t-talbiet tar-rikorrent handhom jigu michuda.*

5. *Illi fir-rigward tal-premessa elenkata XI fir-rikors in risposta, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jirrileva illi kwalunkwe investigazzjoni li ghadha ghaddejja mill-awtortijajiet m'ghandiex tigi mikxufa minn ebda ufficcjal tal-Korp tal-Pulizija u dan skond il-ligijiet li jiggvernaw is-sigriet professjonali in primis u ai termini ta' dawk ir-regolamenti relatati mal-kondotta ta' ufficcjali pubblici;*

6. *Illi fir-rigward tat-talba numru 3 (iv) elenkata fir-rikors in risposta, l-esponenti jecepixxu illi din it-talba hija irrecivibbli stante illi l-imsemmi arrest huwa agir tal-Kummissarju li jiffigura f'dmir penali waqt illi r-rizultat ghall-post positions of police superintendents huwa frott ta' ghemil amministrattiv. Ghalhekk din it-talba hija improponibbli ghaliex qeghdin jigu meskolati zewg azzjonijiet flimkien liema azzjonijiet huma palezament distinti minn xulxin;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 19) b'affidavit tiegħu stess, b'dokumenti annessi (fol 20 sa fol 122), flimkien ma' kopja ta' dokument esebit mill-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali 'Il-Pulizija vs Spet. Elton Taliana' (fol 123 sa fol 128).

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-30 ta' Settembru 2021, xehdu **l-Assistent Kummissarju Alexandra Mamo** u l-**Ispetter Jonathan Ransley**, prodotti mir-rikorrent.

Rat in-Nota Ġuramentata tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali intavolata fis-27 ta' Ottubru 2021 (fol 161) b'dokumenti annessi (fol 162 sa fol 165).

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2022, xehdu l-**Assistent Kummissarju Stephen Gatt** li ppreżenta seba' dokumenti (Dok SG1 sa Dok SG7, fol 180 sa fol 198), l-**Assistent Kummissarju Kenneth Haber**, u d-**Deputat Kummissarju Ramon Mercieca,** ilkoll prodotti mir-rikorrent.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2022, xehdu l-**Ispettur Jurgen Vella** u s-**Supretendent James Grech** li ppreżenta dokument (Dok JG1, fol 217 sa fol 224).

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2022, xehed **Antonello Grech** u l-**Assistent Kummissarju Kenneth Haber** li ppreżenta erba' (4) dokumenti li għandhom

jinżammu fil-proċess f'envelope siġillat (Dok KH1 sa Dok KH4, fol 233), prodotti mir-rikorrent.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2022, saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li ma kellux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022, xehed in kontro-eżami l-**Ispetter Elton Taliana** u d-**Deputat Kummissarju Ramon Mercieca**.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2022 xehed in kontro-eżami l-**ex Supretendent Antonello Grech**, u xehdu s-**Supretendent Graziella Muscat** u s-**Surġent 805 Ian Terribile**, prodotti mill-Avukat tal-Istat.

Rat ukoll fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2022, saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimati li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2023 xehdet is-**Supretendent Graziella Muscat** in kontro-eżami. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2023, wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet il-kawża setgħet titħalla għad-deċiżjoni.

Rat d-deċiżjoni ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ottubru 2023 li permezz tagħha kkonkludiet is-segwenti:

> ***a) Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tillibera lill-intimat Avukat tal-istat mill-osservanza tal-gudizzju, u***
>
> ***b) Tilqa' ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimati għaliex hija sodisfatta illi r rikorrenti kellu mezzi xierqa ohra ta' rimedju li kienu disponibbli ghalih, u allura hemm raġunijiet biżżejjed sabiex din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti kollha tar-rikorrent fil-mertu.***

Rat illi fit-30 ta' Ottubru 2023, ir-rikorrent intavola appell mill-istess deċiżjoni.

Rat illi permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-24 ta' Ġunju 2024, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet is-segwenti:

> ***15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet tikkonkludi li l-Art. 409A tal Kodiċi Kriminali ma kienx joffri rimedju ordinarju adegwat meta tqis l ilmenti tal-attur.***
>
> ***Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-attur u tħassar dik il-parti tas sentenza appellata li laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u minflok tiċħad l-istess.***

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Lulju 2024, fejn stante illi l-atti ntbagħtu lura sabiex jissokta s-smigħ tal-kawża, appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024 fid-9.30 a.m.;

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx xi jżidu u bi qbil magħhom, il-Qorti ħalliet il-kawża għall-udjenza ta' llum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrent **Elton Taliana,** fl-affidavit tiegħu jgħid li fl-14 ta' Diċembru 2020 huwa kien talab lill-Ispettur Ransley biex ilaħħaqlu duty tal-Għassa fuq id-distrett ta' Birkirkara għax l-għada kellu l-*interview* għal Supretendent. Jispjega li f'dak il-lejl tal-14 ta' Diċembru 2020, il-Pulizija tad-distrett ta' Birkirkara kienet irċeviet rapport illi kien hemm persuna barranija, ċertu Thomas Jackson ta' nazzjonalita Ingliża, li kien qala' xeba u tħalla fil-periklu tal-mewt.

Jispjega illi fil-31 ta' Diċembru 2020, kien ħareġ ir-riżultat rivedut tas-Superetendenti u hu kien kklassifika fis-seba' (7) post. Jgħid li l-postijiet l-oħra, kemm min ġie qablu u kemm min ġie warajh kienu diġà ngħataw il-grad ta' Supretendent tliet (3) xhur qabel u ċioe` fit-2 ta' Ottubru 2020.

Jispjega li fil-bidu ta' Jannar 2021, kien ġie avviċinat minn Dr Charles Mercieca – avukat li sa ftit xhur qabel kien avukat fl-uffiċju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk kien jikkomunika miegħu fuq xogħol, u dan qallu li kellu nformazzjoni b'saħħita fuq Jackson u li kien ser jibgħatlu isem relatat. Jispjega li ftit wara rċieva messaġġ fuq il-WhatsApp bl-isem ta' Julian Geert Hofstra bin-numru tal-passaport tiegħu. Jgħid li hu bagħtlu l-konnotazzjonijiet tal-isem u ma tah l-ebda informazzjoni ulterjuri u dan kollu relatat ma' l-investigazzjoni li kienet qed issir.

Jgħid li fis-16 ta' Jannar 2021, għal ħabta tal-11.30am, marret is-Supretendent Graziella Muscat max-xufier tagħha fir-residenza tiegħu u hu ħaseb li kienet marret biċ-ċertifikat tal-promozzjoni tiegħu għal Supretendent. Jgħid li ħarġitlu mandat t'arrest u qaltlu li l-mandat kien jispeċifika li għandu jinġabar il-mobile tiegħu. Jispjega li ħarġet karta oħra fejn kien hemm id-dettalji ta' persuna oħra li kien il-persuna li għandhu x'jaqsam mal-investigazzjoni ta' Jackson. Infurmatu li dak li kellu xi jgħid kellu jgħidu lill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt ġewwa d-Depot. Jgħid li mar ġab il-mobile u wara li tħalla jagħmel telefonata biex ħassar appuntament, ta l-mobile lis-Supretendent jew lix-xufier tagħha. Jispjega li s-Supretendent fl-ebda ħin ma qaltlu liema reat jew ir-raġuni għaliex kien qed jiġi arrestat. Jgħid li daħal fil-karozza u baqgħu sejrin id-Depot u mhux fl-eqreb għassa tal-Pulizija.

Jispjega li meta waslu d-Depot, l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt tah twissija li jista' ma jweġibx u kellu d-dritt ikellem avukat u hu għażel li jagħti l-verżjoni tiegħu

għall-fatti mill-bidu sal-aħħar mingħajr assistenza legali għax ma kellu xejn x'jaħbi u fil-fatt spjega kollox fid-dettal.

Jgħid li fin-00:30 tal-għada filgħodu huwa ġie rilaxxat mill-arrest wara tlettax (13)-il siegħa. Jispjega li waqt l-arrest ġie rreġistrat fuq id-*detainee book* fil-lock up wara is-sitt siegħa tal-arrest u hemm ġie mgħarraf l-ewwel darba li qed jiġi miżmum minħabba *computer misuse*. Jispjega li ma qattax ħin ġewwa l-lock up ħlief biex jiġi rreġistrat. Jgħid li matul it-tlettax (13)-il siegħa itteħdulu żewġ (2) stqarrijiet u bejn l-ewwel u t-tieni rriżulta li l-investigatur kellem diversi xhieda imma meta talbu itih id-*disclosure* tagħhom hu ma tah xejn u għadu sa llum ma ngħata xejn.

Jgħid li ftit jiem wara beda jara l-mandat u induna li l-istess mandat ma kienx jindika ix-xorta ta' reat, liema reat ikun qed jiġi allegat li sar u dan bi ksur tal-artikolu 355AG (2) tal-Kodiċi Kriminali. Jgħid li dan hu kien niżżlu wkoll fl-aħħar dikjarazzjoni li għamel mal-uffiċjal investigatur.

Jispjega li wara li ġie rilaxxjat mill-arrest sar jaf min kien Julian Geert Hofstra, li sa dakinhar qatt ma kien sema` bih. Jgħid li fil-31 ta' Jannar, Hofstra issemma fil-media bħala persuna li kienet qrib xi nies influwenti fil-politika u kien hemm xi allegazzjonijiet dwaru. Jgħid li minn hemm beda jifhem għaliex kien hemm ir-rieda li jitwaqqaf mill-investigazzjoni li kien qiegħed iwettaq. Jispjega li l-investigatur kien staqsieh partikolarment għandux xi investigazzjoni oħra fuq Hofstra.

Jispjega li huwa ġie akkużat fil-Qorti Kriminali fosthom illi kixef sigriet statali, li sa llum għadu ma jafx x'inhu. Jispjega li waqt il-proċeduri rriżulta li tressaq il-Qorti kriminalment fuq parir ta' Dr Victoria Buttigieg u dan meta fuq każijet simili uffiċjali oħra kienu tressqu quddiem il-PSC u mhux fil-Qorti Kriminali.

Jgħid li fit-13 ta' Mejju 2021, meta l-Assistent Kummissarju Gatt kien qed jixhed fil-proċeduri kriminali, huwa esebixxa kopja tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat minn fejn sar jaf li r-rikors intalab lill-Maġistrat fil-Qorti Istruttorja u mhux lill-Maġistrat tal-Għassa, u li l-Assistent Kummissarju Gatt kien ta tagħrif qarrieq lill-Maġistrat, fis-sens li l-Ispettur Taliana kien qiegħed jgħaddi informazzjoni li kellu aċċess għaliha tramite n-natura tax-xogħol tiegħu li tinkludi data personali u dwar investigazzjoni sensittiva li kienet qed tiġi nvestigata minn skwadra speċjalizzata tal-Korp tal-Pulizija. Jispjega li mhux minnu li hu għandu aċċess għal investigazzjoni sensittiva tal-ebda skwadra speċjalizzata tal-Pulizija u rriżulta mix-xhieda ta' Supt. J Grech li kienet il-Pulizija tal-IT illi tellgħet lista ta' nies li daħlu fuq l-isem de quo u ġie deċiż li minnhom kollha l-mandat għandu joħroġ f'isem ir-rikorrent. Jgħid għalhekk li mhux talli l-Maġistrat ma kellhiex it-tagħrif kollu, talli ġiet iffabbrikata storja li ġiegħlet lil Maġistrat taħseb xi ħaġa li ma teżistix jew li ma ġratx.

Jispjega li l-istorja tmur lura għal Awwissu 2013 fejn kien solva serqa aggravata li saret f'Birkirkara fejn kienet diġa` ġiet u nżammet arrestata persuna oħra. Jispjega li l-Kummissarju ta' dak iż-żmien u l-Ministru tal-Intern kienu bdew proċeduri dixxiplinarji fil-konfront tiegħu fejn intalbet it-tkeċċija tiegħu. Jgħid li kienet saret ukoll Inkejsta Interna li l-konklużjonijiet tagħha ma nħarġux u wara rriżulta li kienet tmur kontra dak li kkonkluda l-Police Board.

Jispjega li kien intavola proċeduri ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Police Board u t-talbiet tiegħu ntlaqgħu permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Novembru 2013, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju 2020 u konsegwentament twaqqfu l-proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-PSC.

Jgħid li ma riedux jagħtuh it-tielet pipp li tingħata wara għaxar snin Spettur li għalaqhom fi Frar 2018 u li mingħajrha wieħed ma jistax japplika għall-post ta' Supretendent. Konsegwentament, ma setax japplika għal Supretendent dak iż-żmien, iżda lejliet li għalqu l-applikazzjonijiet kien ħareġ rapport tal-Ombudsman li kien irrakomanda li jingħata ż-żidiet b'lura u anke it-tielet pipp u jitħalla japplika għal promozzjoni. Jgħid li fit-2 ta' Settembru 2019 rċieva telefonata mill-HR tal-Pulizija, kkonfermata anke bl-email sabiex japplika għal supretendent u hekk għamel.

Jispjega li wara li ġie deċiż l-appell fuq imsemmi u wara ħafna insistenza, sarlu l-interview fil-15 ta' Diċembru 2020 u kif spjegat, kif għalaq it-teminu tal-appell minn terzi, ġie arrestat u konsegwentament sospiż.

In kontro-eżami jgħid li meta marret is-Supretendent Graziella Muscat fir-residenza tiegħu tatu l-mandat, imbagħad ħarġet karta bid-dettalji ta' Hofsra u staqsietu jafx min hu. Jsostni illi ma qaltlux ir-raġuni tal-arrest iżda malli għaraf l-isem spjegalha li hu kien qed jagħmel investigazzjoni dwar droga u li dik il-persuna kellha x'taqsam. Jgħid li talbitu jmur id-Depot u jispjega dan lill-Assitent Kummissarju Gatt, kif ukoll iġib il-mobile miegħu.

Jispjega li għalkemm kien jaf dwar xiex kienu l-mistoqsijiet tal-Assistent Kummissarju Gatt, fl-ebda ħin ma ġie nfurmat liema reat kien allegatament wettaq. Jikkonferma li kien qallu li ma jistax jidħol fil-MPS, jieħu ritratt bil-mobile u jibgħatu lil terzi.

Mistoqsi dwar hux minnu li kien ikkorrisponda mal-Avukat Charles Mercieca fuq *Whatsapp* fejn bagħtlu dettalji jew indirizz ta' Hofsra, jgħid li Charles Mercieca kien bagħtlu l-isem u l-kunjom b'konnessjoni ma' investigazzjoni li kien qed jagħmel dwar traffikar tad-droga. Jgħid li mhux l-ewwel darba li Avukati kienu jċemplu b'informazzjoni. Jispjega li dakinhar l-Avukat Mercieca talbu informazzjoni dwar x'għandu x'jaqsam fl-investigazzjoni u jekk jistax jagħtih informazzjoni dwaru. Jgħid li hu ma setax jagħmel din il-verifika iżda żamm lill-Avukat bħala *informer* kif sikwit kien jiġri f'dawn il-każijiet.

Jikkonferma li hu ħa ritratt tad-dettalji ta' Hofsra minn fuq l-MPS u bagħtu lill-Avukat Charles Mercieca. Jikkonferma li Hofsra ma kienx jaf min hu, lanqas waqt l-istqarrija. Mistoqsi jekk kienx involut f'xi investigazzjoni dwar Hosfra jgħid li kien qed jinvestiga każ ta' traffikar ta' droga u kellu x'jaqsam ma' Thomas Jackson. Mistoqsi jekk irriżultalux li verament kellu x'jaqsam jgħid li dik evidenza li tinġieb f'dak il-każ.

**Ir-rikorrenti l-Ispettur Elton Taliana** ppreżenta s-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok X1 – Artiklu minn *News Portal* '*Lovin Malta'* rigward il-konnessjonijiet ta' Julian Hofstra ma persuni fil-politika;

Dok X2 – Kopja tar-Rapport tal-Inkjesta Interna li kienet saret fil-konfront tar-rikorrent fil-każ tal-investigazzjoni u l-Arrest ta' Darryl Luke Borg;

Dok X3 – Deċiżjoni tal-Kummissarju dwar il-Protezzjoni tad-Data dwar ilment tar-rikorrent kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Dok X4 – Kopja tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet **Spettur Elton Taliana vs Alexander Farrugia** deċiża fit-30 ta' Ġunju 2017. Il-Qorti tinnota li s-sentenza tikkonsisti f'libell dwar artikolu li ġie ppublikat fil-ġurnal '*It-Torċa'* fejn il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attur is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500);

Dok X5 – Kopja tas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fl-ismijiet **L-Ispettur Elton Taliana vs Raphael Vassallo** deċiża fis-7 ta' Mejju 2018. Il-Qorti tinnota li s-sentenza tikkonsisti f'libell dwar artikolu li ġie ppublikat fil-ġurnal 'Malta Today' fejn l-artikolu in kwistjoni kien iddikjarat libelluż u l-intimat kien ikkundannat iħallas is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) lir-rikorrent;

Dok X6 – Opinjoni Finali tal-Ombudsman datata 12 ta' Settembru 2019, bir-referenza S 0153. Il-Qorti tinnota li r-rakommandazzjoni kienet li r-rikorrent kellu jingħata l-opportunita' li japplika għall-vakanzi għar-rank ta' Supretendent;

Dok X7 – Korrispondenza bejn l-Ispetter Jurgen Vella u r-rikorrent datata 12 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha r-rikorrent kien infurmat li setgħa japplika għall-post ta' supretendent;

Dok X8 – Kopja tad-Digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Spettur Elton Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija u Ministru għall-Intern Sigurta Nazzjonali** datata 25 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha ċaħdet mandat t'inibizzjoni intavolat mir-rikorrent. Il-Qorti tinnota li fil-kunsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti nnotat li *prima facie* r-rikorrent kellu jedd għat-tielet pipp;

Dok X9 – Korrispondenza datata 31 t'Ottubru 2019 bejn l-Assistent Kummissarju Ramon Mercieca u r-rikorrent li permezz tagħha r-rikorrent ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal supretendent kienet iddikjarata bħala ineleġibbli;

Dok X10 – Korrispondenza datata 17 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha r-rikorrenti a bażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet **Spettur Elton Taliana vs Ministru tal-Intern u Kummissarju tal-Pulizija** talab li jiġu rtirati l-proċeduri fil-konfront tiegħu quddiem il-PSC, li jingħata t-tielet pipp, jingħata l-iskali lilu dovut mill-2015 l'quddiem bl-arretrati rispettivi u jirrikonsidra l-applikazzjoni tiegħu għall-post ta' supretendent;

Dok X11 – Kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Elton Taliana vs Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurta Nazzjonali et** deċiża fl-20 ta' Lulju 2020;

Dok X12 – Ir-Rizultat rivedut għar-rank ta' supretendent tal-pulizija minn fejn jirriżulta li r-rikorrent ikklassifika fis-seba' (7) post;

Dok JE1 (a fol 123) – Kopja tal-*audit trail* mis-sistema tal-NPS magħmul fit-12 ta' Jannar 2021 dwar il-profil ta' Julian Geert Hofstra. Il-Qorti tinnota li fir-raba' (4) paġna tar-rapport jirriżulta li r-rikorrent aċċessa l-profil fis-7 ta' Jannar 2021 fit-14:44. Tinnota wkoll li hemm indikat li r-rikorrent la stampa u lanqas ivverifika dwar armi.

Illi d-**Deputat Kummissarju Alexandra Mamo,** fix-xhieda tagħha tispjega li fil-Korp tal-Pulizija hemm il-Kummissarju, imbagħad żewġ deputati Kummissarji, (waħda minnhom hi li hija nkarigata mill-investigazzjonijiet u *technical support*) u d-Deputat Kummissarju Ramon Mercieca li hu nkarigat mid-distretti, *field operations* u s-*support operations* fejn hemm l-IRU, l-Environments Unit u d-Dog Section, imbagħad hemm in-naħa l-oħra l-parti amministrattiva fejn hemm Direttur Ġenerali. Taħt kull wieħed jaqgħu diversi assistenti kummissarji fejn hemm units, distretti u sezzjonijiet differenti.

Tispjega li wieħed mir-responsabbiltajiet tagħha huwa d-dipartiment tal-Financial Crime Investigations Department. Tgħid li kull uffiċjal għandu aċċess għal sistema msejjħa NPS – National Police System - fejn pulizija jista' jtfittex informazzjoni fuq kull individwu. Tgħid li l-FCID iddaħħal informazzjoni f'din is-sistema li tkun bl-inqas dettalji minħabba s-sensittivita` tal-investigazzjonijiet u jiddaħlu fis-sistema biss għal raġunijiet ta' statistika. Tispjega li sabiex taċċessa din is-sistema kull uffiċjal għandu password unika u jista` jaċċessa din is-sistema biss għal fini ta' xogħol. Is-sistema hija wkoll *audit trailed* u ċioe` hemm għarfien ta' kull minn aċċessa s-sistema u kif u x'ħin u fejn. Tispjega li l-pulizija barra d-dipartiment tal-FCID m'għandhomx aċċess għall-informazzjoni miżmuma mill-istess dipartiment.

Mistoqsija jekk Elton Taliana għandux aċċess għall-files u investigazzjonijiet tal-*money laundering unit* tgħid li l-ebda persuna m'għandha aċċess għall-files tal-FCID ħlief min hu *assigned*, addett biex jagħmel il-qadi ta' dmirijietu f'dan id-dipartiment. Tikkonferma li Elton Taliana mhuwiex wieħed minn dawn l-individwi.

Mistoqsija x'involviment kellha fl-investigazzjoni ta' Elton Taliana, tgħid li daħlet fiha mil-lat amministrattiv meta l-Kummissarju kien ċemplilha fis-7 ta' Jannar 2021 u minħabba li ma setgħetx twieġeb kien għadda l-informazzjoni rikjesta s-Supretedent James Grech. Tispjega li s-Supertendent James Grech huwa wieħed miż-żewġ supretendenti li jaqgħu fid-dipartiment tagħha. Tispjega li l-FCID hija komposta f'żewġ skwadri maġġuri, waħda *money laundering* u *financing*, li hija taħt is-superviżjoni tas-Supretendent Frank Tabone u l-oħra għall-*economic crime squad* li tinkludi l-korruzzjoni u investigazzjonijiet relatati ma' frodi, li taqa' taħt is-superviżjoni tas-Supretendent James Grech. Tgħid li l-Kummissarju għaddielhom informazzjoni illi kellu fis-sens illi ċertu Julian Hofstra, li f'dak iż-żmien kien qiegħed jiskontra xi sentenza ġewwa ħabs fl-Olanda, kellu informazzjoni li setgħet kienet kruċjali għal waħda mill-investigazzjonijiet li kellna għaddejjin rigward l-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u informazzjoni fuq l-ex Kummissarju Ewropew

John Dalli, u qal ukoll illi seta' wkoll kellu xi *recordings* ta' xi nies illi ammettew ma' dan Hofstra. Tgħid li minn sorsi kunfidenzjali u mill-ġbir ta' intelliġenza li għamlu, saru jafu min kienu l-ħbieb ta' Hofstra ġewwa Malta u għalhekk s-Supretendent għadda n-numru tiegħu biex Hofstra jagħmel kuntatt miegħu. Tgħid li wara dan, Hofstra beda jikkomunika mas-Supretendent u hi tgħaddi l-informazzjoni lill-Kummissarju.

Tispjega li saru jafu li fl-10 ta' Jannar, l-avukati Gianluca Caruana Curran u Charles Mercieca kienu ser jitilgħu l-Olanda sabiex ikellmu lil Hofstra u xtaqu li l-informazzjoni tgħaddi lill-Pulizija qabel ma tingħata lill-avukati. Tgħid li fil-fatt Hofstra kien kellem lil Grech u qallu li ma jafx lil min kellu jafda. Tispjega li wara l-laqgħa mal-avukati, Hofstra kien kellem lil Grech u fost affarijiet oħra kien qallu li kien tah dokument tal-pulizija li mid-deskrizzjoni seta' kien id-dettalji tiegħu mill-NPS u ċioe` d-dettalji tal-persuna. Tgħid li meta s-Supretendent Grech insista li jingħata informazzjoni dwar min printja d-dokument (li tkun tinsab fuq id-dokument) Hofstra sar ostili u ma kellmux aktar. Konsegwentament, intalab l-*audit trail* mingħand is-Supretendent Antonello Grech, li hu nkarigat mill-ICT, u rriżulta li bejn l-14 ta' Jannar 2018 u t-12 ta' Jannar 2021, l-unika persuna li kien aċċessa s-sistema fir-rigward ta' Hofstra u li ma kellux x'jaqsam mal-investigazzjoni kien l-iSpettur Elton Taliana li kien jaqbdi d-dmirjiet tiegħu ġewwa Birkirkara u dan kien aċċessa s-sistema fis-7 ta' Jannar 2021 fit-14.44. Tispjega li hi kellmet lill-Kummissarju u qaltlu li l-investigazzjoni dwar għala sar dan l-aċċess għandha ssir mill-Professional Standards Unit u mhux mill-FCID. Tgħid li hekk sar u kienet ikkuntatjat lill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt sabiex issir laqgħa. Tgħid li fil-15 ta' Jannar 2021 kien mar fid-dipartiment flimkien mas-Supretendent Graziella Muscat u tathom stampa ċara ta' x'kien ġara u ftehmu li minn hemm il-Professional Standards Unit kellha tkompli l-investigazzjoni u tinforma lill-Kummissarju bl-eżitu.

Mistoqsija kif ġie deċiż li l-Ispettur Taliana ma kellux jinvestiga b'xi mod lil Hofstra, tgħid li hu kien l-unika wieħed minn nies li aċċessaw is-sistema li ma kellux xejn x'jaqsam mal-investigazzjoni u kien aċċessa s-sistema fis-7 ta' Jannar u ċioe` tliet ijiem qabel mal-avukati telgħu l-Olanda. Għal sensiela ta' domandi li sarula, ix-xhud qalet illi t-telefonata bejn Grech u Hofsfra fejn dan sar ostili kienet fl-10 ta' Jannar, meta telgħu l-avukati u kellhom il-laqgħa miegħu.

Mistoqsija jekk investigatx jekk ir-rikorrent kellux raġuni valida sabiex jaċċessa l-profil ta' Hofstra tgħid li dik l-investigazzjoni saret mill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt u hi ma daħlitx fiha aktar, liema investigazzjoni skattat fil-15 ta' Jannar.

Mistoqsija jekk qabel l-arrest kellmitx lir-rikorrent, tgħid li hi qatt ma kellmitu, iżda għaddiet l-informazzjoni kollha lill-Assitent Kummissarju Stephen Gatt.

Mistoqsija dwar min kienu l-ħbieb ta' Hofstra meta kien jgħix Malta, tgħid li din l-informazzjoni kienet ġiet minn sorsi kunfidenzjali u għalhekk ma tistax tiżvelaha.

Mistoqsija jekk tafx Hofstra ġiex Malta kemm ilu mhux il-ħabs, tgħid li hi m'għandhiex informazzjoni li qatt ġie.

Fix-xhieda tiegħu l-**iSpettur Jonathan Ransley** jgħid li f'Diċembru 2020, ir-rikorrent kien talab l-assistenza tiegħu sabiex jlaħħaqlu *duty* tiegħu f'Birkirkara minħabba li l-għada kellu l-interview għal kariga ta' Supretendent. Jgħid li għal ħabta tal-10.00pm ċemplulu d-dar minħabba li kien ġie aggredit raġel u kien mar fuq il-post. Jgħid li mbagħad kien kellem lir-rikorrent u ftehmu li jinvestigaw flimkien u b'kollox kienu ħamsa min-nies fuqha. Jgħid li l-każ ġara t-Tnejn u ħadmu fuqha l-Ħamis u ġew arrestati l-Ġimgħa u sal-Ħadd baqgħu jaħdmu biex ġabu l-mobile ta' Jackson. Jgħid li Jackson kellu jiġi nvestigat ukoll minħabba traffikar tad-droga u dwar dan kienu taw l-informazzjoni lid-Drug Squad.

Jispjega li mbagħad, Sibt f'Jannar, kienu talbuh imur id-Depot. Jgħid li kellmu l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt u qatt ma tah raġuni għala kien sejjaħlu b'urġenza. Jgħid li bdew isemmulu nies mill-Olanda u kien qalilhom li l-unika investigazzjoni li kellu dwar barrani kienet ta' Jackson. Jgħid li reġa` staqsa x'qed jiġri u ma ngħatax informazzjoni. Jispjega li sar jaf biss x'kien ġara meta r-rikorrent ġie rilaxxat u tkellmu bejniethom. Jgħid b'Hofstra qatt ma kien sema` qabel ma ħarġet storja dwaru fil-media.

Mistoqsi l-każ ta' Jackson sa dak iż-żmien kienx għadu attiv, jgħid li iva u sa dakinhar tax-xhieda kien għadu attiv.

Id-**Deputat Reġistratur Doris Serpina Sciberras** fin-nota ġuramentata tagħha tikkonferma li fil-15 ta' Jannar 2021 il-Maġistrat Dr Yana Micallef Stafrace kienet il-Maġistrat tal-Għassa. Tikkonferma li quddiem l-istess Maġistrat ma hemmx kawżi pendenti f'isem l-Ispettur Elton Taliana u fil-15 ta' Jannar 2021 ma kinitx infetħet inkjesta rigwardanti l-istess Spettur Elton Taliana.

Id-**Deputat Reġistratur Doris Serpina Sciberras** ppreżentat is-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Fol 162 – Rikors tal-Assistent Kummissarju Stephen Gatt li jikkontjeni talba għal ħruġ ta' Mandat t'Arrest u tfittxija fil-konfront tal-Ispettur Elton Taliana. Il-Qorti tinnota li r-rikors ġie intavolat "Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja";

Fol 163 – Il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija data 15 ta' Jannar 2021 fil-konfront tar-rikorrent;

L-**Assistent Kummissarju Stephen Gatt** fix-xhieda tiegħu jgħid li r-rikors għal ħruġ tal-Mandat t'Arrest kien ħadu lill-Maġistrat tal-Għassa minħabba li kien bil-lejl. Jikkonferma li kellu jingħata lil Maġistrat tal-Għassa u jekk sar fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja dan sar bi żvista. Jgħid li wara li ħareġ il-mandat u wara li saret l-investigazzjoni induna li kien hemm parti zgħira nieqsa u ċioe` r-raġuni tal-arrest. Jgħid li minkejja dan, il-mandat kien akkordat.

Jikkonferma li r-rikorrent kien arrestat fil-11:30am. Bejn dak il-ħin u l-5:30pm kien għand ix-xhud qed jiġi nterrogat. Jispjega li mbagħad niżżlu hu personali fil-lock up

iżda għamel dan għal fini ta' reġistrazzjoni biss minħabba li żammu fl-uffiċju tiegħu jew f'ta' maġenbu. Jikkonferma li fis-17 ta' Jannar 2021, ħames minuti wara nofs il-lejl (12:05am), ir-rikorrent ġie rilaxxat.

Mistoqsi rigward l-informazzjoni li ta lill-Maġistrat sabiex inħareġ il-Mandat t'Arrest jgħid li hu kien ġie infurmat li r-rikorrenti kien daħal fl-NPS u minn hemmhekk ittieħdet informazzjoni li ngħatat lil Avukat li flimkien ma Avukat ieħor telgħu l-Olanda u din l-informazzjoni għaddiet għand persuna Olandiża li dak iż-żmien kienet qed tiġi investigata jew kellha informazzjoni biex tgħin lill-Pulizija rigward delitt u affarijiet oħra ta' importanza.

Jispjega li l-NPS hija sistema li kull persuna fil-korp li tilbes l-uniformi għandu aċċess għaliha. Jgħid li r-rikorrent ħa screenshot tas-sistema bil-mobile u bagħta lill-avukat. Jgħid li l-informazzjoni disponibbli tikkonsisti f'isem, kunjom, data u post tat-twelid, indirizz, xi tfal għandek, armi reġistrati fuqek u jekk persuna hix mfittxija minn xi entita` barra minn Malta, f'pajjiż fl-Ewropa parti mix-Schengen. Jispjega li jrid ikun hemm raġuni valida biex tuża s-sistema u mhux għal kurżita`. Jgħid li r-rikorrent waqaf f'dan l-ewwel screenshot tad-dettalji personali u ma fittix informazzjoni oħra. Jgħid li l-FCID għandha database għaliha li huma m'għandhomx aċċess għaliha.

Mistoqsi jekk kinitx saret investigazzjoni dwar il-persuni kollha li aċċessaw l-NPS, jgħid li l-persuni l-oħra kollha kellhom raġuni valida għaliex jaċċessaw l-NPS, u dan skont informazzjoni li tah James Grech. Mistoqsi jekk James Grech kienx kellem lir-rikorrent jgħid li qatt ma qallu.

Jikkonferma li wara sitt (6) sigħat arrestat, kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa. Jikkonferma ukoll li meta ġie arrestat ir-rikorrent ma tteħidx fl-eqreb għassa iżda mal-ewwel id-depot.

Mistoqsi dwar ir-raġuni għaliex fil-mandat t'arrest hemm imniżżel li r-rikorrent aċċessa wkoll informazzjoni dwar investigazzjonijiet jgħid li dan kien minħabba li l-informazzjoni li għaddiet lil persuna fl-Olanda tramite l-avukat kienet li qiegħed jiġi investigat minn skwadra speċjalizzata. Jikkonferma li l-informazzjoni li kellu kienet li waslet l-informazzjoni l-Olanda għand dik il-persuna.

L-**Assistent Kummissarju Stephen Gatt** ippreżenta s-segwenti dokumenti:

Dok SG1 – Kopji tar-rikors għal ħruġ tal-mandat t'arrest u tfittxija u l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront tar-rikorrent (l-istess dokumenti li jinsabu a fol 162 u fol 163) u nota tal-istess Assistent Kummissarju li permezz tagħha nforma lil Maġistrat tal-Għassa li fis-16 ta' Jannar 2021 kien ġie arrestat Elton Taliana u li minħabba li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja kien qed jinżamm fil-lock-up;

Dok SG2 – Id-dettalji tal-arrest tar-rikorrent;

Dok SG3 – Stqarrija tar-rikorrent datata 16 ta' Jannar 2021 li bdiet fis-siegħa neqsin għaxra ta' wara nofsinhar (12:50p.m.) u li spiċċat fit-tlieta u kwart ta' wara nofsinhar (3:15 p.m);

Dok SG4 – Stqarrija tal-Avukat Charles Mercieca datata 16 ta' Jannar 2021 li bdiet fid-disgħa u nofs ta' fl-għaxija (9:30p.m) u spiċċat fil-ħdax neqsin ħamsa ta' filgħaxija (10.55 p.m.);

Dok SG5 – Stqarrija tar-rikorrent datata 16 ta' Jannar 2021 li bdiet fil-ħdax ta' filgħaxija (11.00 p.m.) u spiċċat f'nofs il-lejl neqsin għaxra (11.50 p.m.);

Dok SG6 – Stqarrija tar-rikorrent datata 18 ta' Jannar 2021 li bdiet f'nofsinhar neqsin għaxra (11.50 a.m.) u spiċċat fis-siegħa neqsin għoxrin ta' wara nofsinhar (12.40p.m.);

Dok SG7 – Dikjarazzjoni tal-Ispetter Elton Taliana datata 22 ta' Jannar 2021 li ingħata fl-għaxra neqsin għaxra ta' fil-għodu (9:50 a.m.);

L-**Assistent Kummissarju Kenneth Haber** fix-xhieda tiegħu jgħid li hu nkarigat mill-Human Resources tal-Pulizija. Mistoqsi dwar żewġ każijiet partikolari ta' spetturi partikolari jgħid li ttieħdu proċeduri dixxiplinarji kontra dawn iż-żewġ individwi li marru quddiem il-PSC u mhux bil-Qrati. Każ kien jinvolvi grupp fuq Facebook fejn tella ċerta informazzjoni dwar il-Pulizija u l-ieħor kien jinvolvi l-pubblikazzjoni ta' *screenshot*. Jikkonferma li huwa l-Avukat Ġenerali li jiddeċiedi kif għandhom jittieħdu l-passi kontra l-uffiċjali u ċioe` hux bil-Qorti jew bil-PSC. Mistoqsi dwar id-direzzjoni dwar ir-rikorrent x'kienet, jgħid li ma jafx iżda la għaddejjin proċeduri kriminali, sinjal li dik kienet id-direzzjoni.

F'kontinwazzjoni tax-xhieda tiegħu jgħid li meta ħarġet is-sejħa għal Supretendent, ir-rikorrent ma kienx eleġibbli minħabba li ma kellux it-tielet pipp, iżda sussegwentament wara sentenza tal-Qorti tal-Appell irriżulta li kien eleġibbli u għalhekk sarlu interview għalih waħdu aktar tard u ċioe' wara li kienu diġa` saru l-ħatriet tal-persuni l-oħra fis-17 ta' Settembru 2020, b'effett mit-2 ta' Ottubru 2020.

Mistoqsi dwar sospensjoni fil-konfront tar-rikorrent li ngħatat, ġiet irtirata u reġgħet ingħatat, jgħid li kien ta lir-rikorrent id-dokument tas-sospensjoni mbagħad l-Assistent Kummissarju Gatt kien talbu jżomm kollox u għalhekk irtiraha, imbagħad l-Assistent Kummissarju Gatt talbu jmexxi u reġa` ta d-dokument lir-rikorrent.

Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tat-tliet (3) riżultati ppublikati kif ukoll tal-ittri tal-ħatra tas-supretendenti (Dok KH1 sa Dok KH4).

Fix-xhieda tiegħu, id-**Deputat Kummissarju Ramon Mercieca** jgħid li hu kien involut fil-każ ta' ċertu individwu fejn dan kien jamministra paġna fuq Facebook, fejn ġiet ippublikata informazzjoni dwar tfittix ta' vetturi u informazzjoni oħra varja. Jgħid li f'dan il-każ kienu talbu parir lill-Avukat Ġenerali jekk ir-reat jitqiesx kriminali jew amministrattiv u kienu ħarġu proċeduri ta' PSC li mbagħad ma tkomplux minħabba li telaq mill-korp. Jikkonferma li ma kien hemm l-ebda mandat t'arrest f'dan ir-rigward.

Mistoqsi dwar l-applikazzjonijiet għall-promozzjoni ta' Supretendent tar-rikorrent jgħid li r-rikorrent kien wieħed mill-applikanti iżda ma kellux it-tliet stilel rikjesti minħabba xi pendenzi iżda kienet inqatgħet proċedura li rrendietu eleġibbli u għalhekk sarlu l-interview u kien għadda u ġie fis-seba' post. Jikkonferma li dawk li ġew elenkati warajh daħlu supretendenti.

In kontro-eżami jgħid li fl-ewwel każ li saret referenza għalih aktar 'l fuq kienu marru għand l-Avukat Ġenerali bid-dettalji u l-Avukat Ġenerali kien tahom il-parir li ma kienx hemm att kriminali. F'dan il-każ l-individwu kien qasam dettalji mill-MPS ma' pulizija oħra u mhux ma terzi u ċioe' fi grupp magħluq fuq Facebook. Il-mottiv ta' dan l-individwu kien sabiex jgħin lill-Pulizija fil-ħidma tagħha.

Fix-xhieda tiegħu l-**Ispettur Jurgen Vella** jgħid li qed jidher minflok l-Assistent Kummissarju Kenneth Haber. Jispjega li r-riżultat tal-interview tas-Supretendenti kienu ġew ippublikati fil-5 ta' Marzu 2020 imbagħad ġie rivedut fis-16 ta' Lulju 2020 u rivedut għal darb'oħra fil-31 ta' Diċembru 2020. Jispjega li fis-16 ta' Lulju 2020 r-rikorrent ma kellux involviment imma kien daħal fil-marki tar-riżultati fil-31 ta' Diċembru 2020 u ikklassifika fis-seba' post. L-ewwel reviżjoni kienet saret minħabba li tliet spetturi kienu appellaw ir-riżultat u saret reviżjoni. Jikkonferma li qabel ħareġ ir-riżultat tal-31 ta' Diċembru 2020 kienu diġà ġew appuntati xi persuni. Jgħid li wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma kienx hemm aktar ċaqliq minħabba li r-rikorrent kien sospiż.

Fix-xhieda tiegħu, is-**Supretendent James Grech** jgħid illi fid-9 ta' Jannar 2021 hu kien mogħti struzzjonijiet mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jindaga dwar ċertu Julian Hofstra, persuna Olandiża li kien qed iċempel lil diversi nies u jgħid li kellu xi *recordings* ta' telefonati relatati mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, mal-affari ta' John Dalli tal-snus u kien qed jgħid li kien involut ma' ċertu nies li fdaw miegħu ċertu diskors u li għandu xi *recordings* ta' telefonati u anke *recordings* sakemm qed jitkellem ma' dawn in-nies, fosthom ma' Melvin Theuma. Jgħid li l-Kummissarju kien qallu li jaħseb li dan għandu jkun inkluż fl-inkjesta. Jispjega li mis-sistema tal-NPS kien sab indirizz tiegħu f'San Pawl il-Baħar u dakinhar stess mar iħabbat f'dan l-indirizz fejn fetaħlu persuna oħra, ċertu Keith Attard, li għalkemm kien jaf lil Hofstra, ma kienx jaf li għandu l-indirizz reġistrat fuq id-dar tiegħu. Jgħid li tkellem ma' dan l-individwu dwar Julian Hofstra u qallu li dan kien ġie Malta meta kellu bejn ħmistax ħmistax u sittax-il sena mal-ġenituri tiegħu għal btala u waqt il-btala kien ħarab mill-lukanda u l-ġenituri tiegħu kien rritornaw f'pajjiżhom mingħajru.

Jgħid li Attard qallu li dak iż-żmien hu kien jaħdem u għadu jaħdem *John's Garage* bil-bookings u Hofstra kien spiss iqatta` lejl ipaċpaċ u jiċċajta magħhom. Jgħid li kienu anke jġibulu l-ikel u għalkemm Attard kien jiġi missieru fl-eta`, kienu saru ħbieb u kien ta' wens għalih. Jgħid li Attard kien qallu li raqad għandu f'okkażjoni waħda biss. Jgħid li Attard spjegalu li dan l-aħħar kien reġa` beda jagħmel kuntatt miegħu u kien qallu li qiegħed f'ħabs l-Olanda u beda jgħidlu dwar dawn ir-*recordings* li xtaq

li xi ħadd jieħu pussess tagħhom u jgħaddihomlu, iżda Attard ma kienx komdu jiġi involut f'dan għax ma riedx jinvolvi ruħu f'periklu.

Jispjega li lil Hofstra kien ħallielu n-numru tiegħu u beda jċempillu bejn darbtejn u tliet darbiet kuljum u jgħidlu dwar ir-*recordings*. Jispjega li Hofstra qallu li kienu telgħin l-Avukati tiegħu, Dr Gianluca Caruana Curran u Dr Charles Mercieca, ħalli jkellmuh għax kien għamel kuntatt magħhom minħabba li kienu l-avukati ta' Yorgen Fenech. Jgħid li beda jara lil min kien ser ibiegħ l-informazzjoni u naturalment għall-avukati kienet t'interess tant li marru l-Olanda.

Jispjega li hu kien kellmu fid-9 ta' Jannar, l-Avukati telqu minn Malta fl-10 ta' Jannar u marru jkellmuh fil-11 ta' Jannar u niżlu lura fit-12 ta' Jannar. Jgħid li qabel ma ltaqa` mal-avukati, ċempillu u qallu li ma jafx lil min kellu jafda bl-informazzjoni u x-xhud kien qallu li dik kienet għażla tiegħu u li l-pulizija kienet ridithom bħala parti mill-inkjesta iżda kien hu responsabbli ta' x'jagħmel bl-informazzjoni. Jgħid li ftit siegħat wara reġa` ċempillu u qallu li l-avukati kienu affidabli u ġabulu informazzjoni li l-pulizija ma riduhx f'Malta u spjegalu li kellu karta minn xi *intelligence unit* b'logo isfar li x-xhud issuspett li kien tal-FIAU, kif ukoll karta li kienet tinkludi d-dettalji tiegħu mis-sistema tal-pulizija. Minn mistoqsijiet li għamel wasal għall-konklużjoni li kienet mill-NPS. Jgħid li beda jistaqsi dwar id-dettalji ta' min stampa din il-karta, li jkunu mneżlin fuqha, iżda Hofstra ma qallux, qallu biss li ġiet stampata fil-31 ta' Diċembru 2020 u li min stampata kellu *rank* ta' Surġent.

Jispjega li wara kellem lil Kummissarju li talbu jagħmel kuntatt mas-Sur Antonello Grech tal-IT sabiex jivverifika min kien daħal fis-sistema u stampa d-dettalji. Jgħid li l-unika persuna li ma kellux awtorizzazzjoni f'din l-investigazzjoni kien l-Ispettur Elton Taliana li kien daħal fis-7 ta' Jannar 2021 fis-13:45. Jgħid li fil-ġurnata tal-31 ta' Diċembru ma sab li daħal ħadd u għalhekk assuma li Hofstra kien qed jilgħab bid-diskors. Jgħid li fis-7 ta' Jannar 2021, ir-rikorrent kien daħal fid-dettalji ta' Hofsra iżda ma pprintjax. Mistoqsi jekk irriżultalux min ipprintja, jgħid li kien hemm min stampa fil-5 ta' Jannar u fl-15 ta' Diċembru iżda mhux ir-rikorrent, u dawn il-persuni kienu involuti fl-investigazzjoni u għalhekk l-azzjonijiet tagħhom kienu ġustifikati. Jgħid li minn hemm tkellem mal-Kummissarju li rrefera l-każ għand il-*professional standards unit.*

Jgħid li meta l-avukati rritornaw mill-Olanda, Dr Mercieca kien infurmah li Hofstra kien qed jiġi ppatroċinat minnhom u għalhekk ix-xhud kien talbu jgħidlu ma jagħmilx aktar kuntatt miegħu. Jgħid li r-*recordings* qatt ma waslu la għandu u lanqas għand l-avukati u għandu dubju kemm vera jeżistu.

Mistoqsi dwar jafx sa liema livell fis-sistema tal-NPS daħal ir-rikorrent jgħid li ma jafx. Mistoqsi jekk kienx ċempel lir-rikorrent sabiex jara kienx qed jagħmel xi investigazzjoni fuq Hofstra, jgħid li hu ma daħalx fiha iżda għadda biss l-informazzjoni lill-Kummissarju. Jgħid li fil-konfront ta' nies oħra li daħlu fuq il-profil, il-Kummissarju kien talbu jċempel lil ta' fuqhom sabiex jivverifika kienux involuti f' investigazzjoni dwaru.

Mistoqsi jekk fil-komunikazzjonijiet tiegħu ma' Hofstra qattx issemma r-rikorrenti, jgħid li le. Jikkonferma li hu lil Hofstra qatt ma ltaqa` miegħu. Jgħid li dan l-aħħar kien reġa` beda ċempillu għax reġa` daħal il-ħabs iżda hu ma weġbux.

L-**Assistent Kummissarju James Grech** ippreżenta s-segwenti dokumenti li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok JG1 - Kopja tal-*audit trail* mis-sistema tal-NPS magħmul fit-12 ta' Jannar 2021 dwar il-profil ta' Julian Geert Hofstra. Il-Qorti tinnota li fir-raba (4) paġna tar-rapport jirriżulta li r-rikorrent aċċessa l-profil fis-7 ta' Jannar 2021 fit-14:44. Tinnota wkoll li hemm indikat li r-rikorrent la stampa u lanqas ivverifika dwar armi.

Fix-xhieda tiegħu, **Antonello Grech** jgħid li hu l-Kap tal-IT tal-Forzi tal-Ordni iżda m'għadux fil-korp, mentri dakinhar kien jokkupa l-kariga ta' Supretendent responsabbli mill-istess sezzjoni. Jgħid li hu kien mitlub mis-Supretendent James Grech biex ifittex min daħal fuq il-profil ta' ċertu Hofstra u kien ipprintja l-lista u għaddihielu. Sussegwentament, kien mitlub mill-Assistent Kummissarju Stephen Gatt biex jara r-rikorrent eżatt x'aċċessa u rriżultalu li kien aċċessa d-dettalji tal-istess Hofstra. Jgħid li ma daħalx fuq is-sistema *Schengen Information Systems* anke jekk kellu aċċess għaliha. Mistoqsi jekk is-sistema tal-NPS tippermettix aċċess minn Għassa tal-Pulizija għal Investigazzjonijiet Skwadri Speċjalizzati jgħid li le iżda jista` jkun hemm *update* mill-iskwadri speċjalizzati meta l-persuna tkun tressqet il-Qorti. Jikkonferma li l-investigazzjonijiet ta' skwadri speċjalizzati jinżammu f'fajl fiżiku li pulizija fl-għases m'għandhomx aċċess għalihom.

In kontro-eżami jikkonferma li l-inkarigu tiegħu kien biss li jaċċessa u jgħaddi l-lista u mhux li jinvestiga lill-individwi li kien hemm fuqha.

Fix-xhieda tagħha, is-**Supretendent Graziella Muscat** tgħid, li f'Jannar 2021 il-kariga tagħha kienet dik ta' Supretendent *Professional Standards*. Tgħid li fil-15 ta' Jannar 2001 ġew mistiedna l-FCID, hi u l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt, fejn kellhom laqgħa mad-Deputat Kummissarju Alexandra Mamo u mas-Supretendent James Grech. F'din il-laqgħa spjegawlhom li kien hemm informazzjoni li ċertu Julian Hofstra, li kien għamel żmien jgħix Malta u li dak iż-żmien kif f'ħabs fl-Olanda, kien qed jikkomunika mal-Avukati Gianluca Caruana Curran u Charles Mercieca u bejn l-10 u t-12 ta' Jannar kienu żaruh il-ħabs u kienu urewh id-dettalji tiegħu mill-MPS. Tispjega li s-Supretendent James Grech kien talab *audit* dwar minn aċċessa l-profil partikolari ta' dan il-persuna u kien deher li l-Ispettur Elton Taliana kien aċċessa s-sistema fis-7 ta' Jannar 2021 u ħa ritratt bil-mowbajl ta' dak li sab. Tgħid li eventwalment l-investigazzjoni ħa ħsiebha l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt. Tispjega li ma setgħetx tinvestigah hi minħabba li r-rikorrent kien wasal biex jilħaq supretendent, kien ikun tal-istess rank. B'hekk setgħet biss tarrestah minħabba li kienet fil-kariga qablu.

Tgħid li l-mandat kien ħa ħsiebu l-Assistent Kummissarju u hi kellha tieħu ħsieb l-arrest. Tispjega li dakinhar marret pajżana sabiex ir-rikorrent ma jħossux umiljat u magħha kellha lil PC 805 Ian Terribile. Tispjega li suppost kien xogħol u għalhekk marret tfittxu l-għassa, iżda rriżulta li kien bil-leave u għalhekk marru fir-residenza tiegħu.

Tispjega li urietu d-dettalji ta' Hofstra u staqsietu kienx qed jinvestigah u hu ma ftakarx u beda jgħid li xi vendikazzjoni. Tgħid li meta baqa` ma ftakarx ma kellhiex alternattiva ħlief li tgħidlu li kien qed jiġi arrestat minħabba li kien għadda din l-informazzjoni lil terzi u li kellha teħodlu l-mowbajl u qaltlu wkoll id-drittijiet tiegħu. Tispjega li l-mandat tagħtulu f'idu. Tikkonferma li hi spjegatlu r-raġunijiet tal-arrest u qalilha li Amsterdam kien qed idoqqlu xi ħaġa. Mistoqsija jekk riedx ikellem avukat, tgħid li ma ridx. Tispjega li għamel xi telefonati qabel ġie kkonfiskat il-mowbajl.

Tispjega li ma marrux fl-għassa ta' Birkirkara għax din kienet tkun umiljazzjoni għalih u għalhekk baqgħu sejrin id-depot. Tgħid li xogħolha dakinhar waqaf hemm, meta ħaditu fl-uffiċju tas-Sur Stephen Gatt. Tispjega illi sussegwentament, fit-18 ta' Jannar 2021, kienet preżenti meta r-rikorrent minn jeddu għamel stqarrija li l-Avukat Charles Mercieca kien lagħbu. Tikkonferma li fil-proċeduri kriminal xehdet. Tgħid li sa fejn taf hi l-proċeduri waslu fl-aħħar tal-provi prosekuzzjoni. Mistoqsija dwar l-akkużi, tgħid li m'għamlithomx hi. Mistoqsija dwar proċeduri interni, tgħid li dawn jieqfu meta jkun hemm proċedura bil-Qorti iżda l-PSC tkun infurmata. Tikkonferma li ma kinitx involuta fihom.

Mistoqsija in kontro-eżami qratx il-kontenut tal-Mandat qabel eżegwietu, tgħid li le - għax assumiet li la ġabu xi ħadd li kien f'kariga ogħla minn tagħha, kollox kien sew. Tikkonferma li wara ħafna saret taf li r-raġuni tal-arrest kienet nieqsa.

Mistoqsija x'kien l-involviment tagħha fl-investigazzjoni dwar ir-rikorrent tgħid li l-investigatur kien l-Assistent Kummissarju Gatt u hi attendiet laqgħa mal-istess l-FCID u kellha ordnijiet mingħand l-istess Assistent Kummissarju sabiex tesegwixxi l-arrest. Tikkonferma li ma kinitx hi li marret għand il-Maġistrat. Mistoqsija x'kellha f'idejha l-pulizija sabiex intalab il-mandat t'arrest, tgħid li r-rikorrent kien aċċessa dettalji ta' persuna f'ċertu żmien u timmaġina li kellhom l-*audits* f'idejhom. Tgħid li kellhom informazzjoni li turi li r-rikorrent kien daħal fil-profil u aċċessa l-informazzjoni personali ta' Hofstra fis-7 ta' Jannar 2021, liema data hija sinifikanti minħabba li fl-10 ta' Jannar 2021, l-Avukati Gianluca Caruana Curran u Charles Mercieca marru l-Olanda jkellmu lil Hofstra.

Tispjega li meta hi marret għand ir-rikorrent hi talbitu jispjega jekk kellux xi investigazzjoni jew xogħol ieħor relatat ma' Hofstra. Tgħid li r-rikorrent beda jipprova jiftakar u li l-pajjiż l-Olanda kien idoqqlu iżda l-persuna le. Tgħid li f'waqt minnhom semma` li kellu xi ħaġa mal-Ispettur Ransley imma ma semmiex li l-persuna kien Hofstra xorta waħda. Mistoqsija jekk tatx lir-rikorrent il-karta bid-drittijiet, tgħid li milli tiftakar tagħtielu iżda dan ix-xogħol jagħmluh spiss u dejjem ittiha. Tgħid li ma tistax tikkonferma dakinhar partikolarment tagħtiex, iżda taf li trid tingħata anke jekk il-persuna jkun spettur.

Tikkonferma li l-karta ma kienx fiha r-raġuni għall-arrest iżda dwar dan saret taf wara.

Tispjega li kienet infurmatu u spjegatlu li kien aċċeda s-sistema u daħal fi profil mhux relatat ma xogħolu. Tgħid li r-rikorrent ma fetħux il-mandat iżda remblu u twiegħ. Tgħid li l-liġi żgur li ma kkwotathiex – imma tikkonferma illi r-reat kien li kien aċċessa s-sistema fuq kwistjoni mhux relatata ma xogħol.

Fix-xhieda tiegħu, **is-Surġent 805 Ian Terribile** jgħid li fis-16 ta' Jannar 2021 kien xufier tas-Supretendent Graziella Muscat u marru l-għassa ta' Birkirkara sabiex jesegwixxu mandat t'arrest tar-rikorrent. Jispjega li ma sabuhx u għalhekk marru fir-residenza tiegħu. Jgħid li talbuh biex ikellmuh u daħħalhom fil-kċina fejn is-Supretendent urietu d-dettalji ta' persuna u staqsietu jekk kellux xi biċċa xogħol għaddejja li tinvolvi dik il-persuna. Jispjega li r-rikorrent ma setax jiftakar u għalhekk ġie eżegwit il-mandat t'arrest u gie infurmat li kien għadda informazzjoni lil terzi u li għandu dritt għal Avukat. Jgħid li r-rikorrent ċempel lil xi ħadd biex jinfurmah li ma kienx ser jattendi xi appuntament u wara ssiġillaw il-mowbajl u ħaduh magħhom id-Depot.

Jikkonferma li hu kien preżenti biss mas-Supretendent waqt li qed tagħmel xogħolha. Jikkonferma li kien magħhom fil-kċina tar-rikorrent u wara wassalhom id-Depot u l-involviment tiegħu spiċċa hemmhekk.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** u t-**<u>trattazzjoni</u>** magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrent,** fis-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat jgħid li l-leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrent kien riżultat tan-nuqqasijiet kemm tal-Maġistrat u kemm tal-Kummissarju tal-Pulizija u ġialadarba l-Avukat tal-Istat jirrappreżenta kull organu tal-istat Malti, inkluż il-ġudikatura, in-nuqqas tiegħu kien irendi l-ġudizzju wieħed mhux integru. Isostni li l-Artikolu 409A mhuwiex applikabbli u rilevanti għall-każ odjern stante li r-rikorrent ġie rilaxxat mid-detenzjoni tiegħu wara tlettax-il siegħa mill-arrest. Jissottometti għalhekk li ż-żewġ eċċezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

Fil-mertu jissottometti li ai termini tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-konformita' mal-osservanza tal-liġi domestika huma *sine qua non* sabiex kwalunkwe arrest jew detenzjoni tiġi kunsidrata leġittima u għalhekk kull ksur tar-rekwiżiti sostentivi u proċedurali stabbiliti mil-liġi domestika għall-arrest jew detenzjoni awtomatikament jfisser illi tali teħid tal-liberta jkun bi ksur tal-istess artikolu. In sosten ta' dan jirreferi għall-paragrafi 29 u 31 tal-*Guide on Article 5 of the European Convention on Human Rights – Right to Liberty and Security*.

Isostni li fl-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest u tfittxija li sar fuq ir-rikorrent, kien hemm is-segwenti nuqqasijiet:

1. Ma kienx hemm raġuni/jiet sabiex jikkonvinċu lill-Maġistrat tal-Għassa, almenu fuq bażi *prime facie,* li kellu jinħareġ il-mandat u t-talba tal-arrest saret quddiem il-Qorti żbaljata.

   Isostni li, kif jirriżulta mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Gatt, sar bi żvista, it-talba għall-ħruġ tal-mandat saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u billi ma kien hemm ebda kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, din it-talba kellha ssir lill-Maġistrat tal-Għassa.

   Jissottometti li sal-ħin tal-mandat ta' arrest, il-Pulizija kellha biss f'idejha lista ta' nies li daħlu fis-sistema elettronika fuq isem Julian Gert Hofstra u sa dak il-ħin kien magħruf biss li r-rikorrent, kif ukoll uffiċjali tal-Pulizija diversi, kien aċċeda sistema li tagħti dettalji li prattikament wieħed isib fuq il-karta tal-identita` ta' kull individwu u li hija liberament aċċessibli għal kull membru tal-korp tal-Pulizija u li ma tagħti l-ebda informazzjoni ulterjuri. Isostni li dan ċertament la kien u anqas seta' jkun reat kriminali.

2. L-informazzjoni li ngħatat lill-Maġistrat tal-Għassa biex inħareġ il-mandat mhux biss ma kinitx kompluta iżda kienet qarrieqa bi ksur tal-Artikolu 355AH tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   L-imsemmi artikolu jimponi fuq l-uffiċjal tal-pulizija l-obbligu li jagħti lill-Maġistrat dak it-tagħrif kollu li jista jwassal għall-arrest iżda r-rikors tal-arrest ma jiżvelax li kien hemm numru t'uffiċjali oħra li kienu aċċedew is-sistema fuq isem Julian Hofstra. Jissottometti li anke kieku għamel dan, huwa inkonsapevoli dwar liema reat kriminali seta` kien qed jiġi suspettat ir-rikorrenti. Oltre` minn hekk, isostni li l-informazzjoni li ngħata kienet li għaddiet informazzjoni dwar investigazzjoni li qiegħda ssir minn skwadra speċjalizzata mentri mix-xhieda tad-Deputat Kummissarju Alexandra Mamo u tal-Supretendent Grech jirriżulta illi r-rikorrenti ma għandu l-ebda aċċess għall-investigazzjonijiet tal-iskwadra speċjalizzata tal-FIAU.

3. Il-Mandat innifsu ma kienx konformi mal-liġi u ċioe' mal-Artikolu 355AG et seq, l-Artikolu 335AE u l-Artikolu 534AB(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Isostni li l-Artikolu 355AG jeżiġi illi Mandat ta' Arrest u Tfittxija għandu jkun fih ix-xorta tar-reat u indikazzjoni tal-post fejn għandha ssir it-tfittxija, liema rekwiżiti fil-każ odjern kienu mankanti. Isostni li dan ġara minħabba li ma kienx hemm kjarezza dwar x'kien ir-reat li r-rikorrent kien qed jiġi akkużat li wettaq. Jissottometti li hemm diskrepanzi bejn dak li indikat is-Supretendent Graziella Muscat waqt l-arrest u dak li sussegwentament niżżel l-Assitent Kummissarju Gatt. Oltre` minn hekk, mix-xhieda tas-Supretendent Muscat jemerġi li hi ma vverifikatx il-mandat kienx wieħed korrett.

> Jissottometti li waqt l-arrest ma ngħatax l-ittra bid-drittijiet ai termini tal-Artikolu 534AB(3), liema fatt ma ġiex pruvat kuntrarjament u għalhekk kien hemm ksur ieħor tal-liġi fl-esekuzzjoni tal-arrest.
>
> Isostni li seħħ ukoll ksur tal-Artikolu 355AE minħabba li r-rikorrent la ġie arrestat f'għassa tal-pulizija u lanqas ma ttieħed fl-eqreb għassa fil-mument tal-arrest, fatt li ġie kkonfermat fix-xhieda.
>
> Jgħid ukoll li nkissru r-rekwiżiti tal-Artikolu 534AF meta m'ingħatax *disclosure* tax-xhieda li kellem l-Assistent Kummissarju Gatt waqt li r-rikorrent kien detenut.

Isostni li l-arrest u l-eżekuzzjoni tal-arrest tar-rikorrenti sar bi ksur ta' kull regola li timponi l-liġi ta' kif għandu jsir arrest u għalhekk jissottometti li meta l-proċedura tal-arrest stabbilita mil-liġi domestika ma tkunx ġiet osservata, tali arrest ikun wieħed illegali u bi ksur tad-drittijiet Kostituzzjonali tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Christian Grech** deċiża fis-16 ta' Marzu 2023 fir-rigward tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali ġialadarba mandat t'arrest ikun nieqes minn xi formalita.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom, **il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat**, fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni jsostnu li l-Avukat tal-Istat m'huwiex leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni u dana stante li l-ilment tar-rikorrent ma kienx lejn il-Maġistrat tal-Għassa u fil-fatt ir-rikorrent lanqas biss isemmi illi l-istess Maġistrat kienet responsabbli għal xi żball proċedurali u/jew ta' natura sostantiva, iżda huwa ċar li l-ilment huwa fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija. Isostni li ai termini tal-Artikoli 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kap tad-dipartiment għandu rappreżentanza ġudizzjarja tal-entita` governattiva u b'hekk la darba huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jirrappreżenta l-Korp, huwa hu l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

Jissottomettu fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jirrikorri għall-proċedura straordinarja meta kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju ai termini tal-artikolu 409A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk din il-Qorti għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tirrifjuta milli teżeċita l-poteri kostituzzjonali tagħha a tenur tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Isostnu li l-artikolu ċitat jikkontempla l-ħelsien mill-arrest bil-konsegwenzi kollha li jġib miegħu, liema rimedju ma ġiex utilizzat mir-rikorrent. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Rakib Wasim vs L-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali et** deċiża fil-11 ta' Novembru 2022. Jispjega li r-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju sabiex jattakka l-istess mandat meta kien arrestat u detenut u li

kien għalhekk jagħtih rimedju effettiv[1]. Jgħid għalhekk li ma jistax, xhur wara, jintavola dawn il-proċeduri sabiex jottjeni l-istess rimedju li dakinhar ma rrikorrix għalih[2].

Fil-mertu, huma jissottomettu illi l-ebda waħda mid-drittijiet tar-rikorrenti garantiti permezz tal-artikoli 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma ġew mittiefsa. Jibdew biex jiġbdu l-attenzjoni tal-Qorti li fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest ma saritx ai termini tal-artikoli 355A, 355AE u 534AB tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema lanjanzi ma jirriżultawx mir-rikors promotur u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tidħol fihom.

Isostnu li l-arrest tar-rikorrent li sar fis-16 ta' Jannar 2021 kien wieħed leġittimu ai termini tal-artikolu 355AC stante li kif jirriżulta mix-xhieda, ir-rikorrent ġie infurmat dwar ir-raġuni tal-arrest tiegħu. Jissottomettu li l-Qorti Ewropea stess irrilevat f'għadd ta' deċiżjonijiet tagħha illi r-raġunijiet tal-arrest m'għandhomx għalfejn jiġu indikati bl-iskritt u saħansitra jistgħu jirriżultaw wara li jsir l-arrest fiżiku. In sostenn ta' dan jirreferu għall-paragrafi 165 u 166 tal-gwida dwar l-artikolu 5 tal-Kovenzjoni Ewropea, kif ukoll għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Jennifer Koster vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fis-17 ta' Diċembru 2020, kif kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Marzu 2021. Isostnu li mix-xhieda huwa ċar li l-Assistent Kummissarju Gatt kien spjega lill-Maġistrat tal-Għassa x-xorta tar-reat fir-rikors tal-15 ta' Jannar 2021 kif ukoll personalment meta mar biex jikseb il-mandat u oltre` minn hekk s-Supretendent Muscat kienet spjegat lir-rikorrent ix-xorta ta' reat li wettaq, liema fatt jirriżulta wkoll mill-istqarrijiet ta' Taliana fil-ħin li nżamm detenut.

Fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Artikolu 355AH tal-Kap 9, isostnu li m'huwiex minnu li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat tal-arrest tal-15 ta' Jannar 2021 kien qarrieqi jew nieqes minn xi raġuni u kif jirriżulta mix-xhieda ta' Assistent Kummissarju Gatt, kien jaf tajjeb ir-raġunijiet għala kien qed jitlob l-istess mandat u ċioe` li allegatament ir-rikorrent kien aċċess il-profil ta' Hofstra u għadda l-informazzjoni lill-Avukat Mercieca.

Fir-rigward tal-Artikolu 355AE tal-Kap 9, jgħidu li l-unika raġuni li r-rikorrent ma tteħidx fl-eqreb għassa, kif jemerġi mix-xhieda tas-Supretedent Muscat, kien li ma xtaqitx tumiljah. Isostni li dan l-artikolu ma jimponix kondizzjoni *sine qua non* li jekk ma tiġix rispettata tirrendi l-arrest invalidu.

Fir-rigward tal-Artikolu 543AB (3) tal-Kap 9 isostnu li r-rikorrent ingħatawlu d-drittijiet kollha u dan kif jirriżulta mix-xhieda tas-Supretendent Muscat u l-PC Terribile fix-xhieda tagħhom tal-24 ta' Ġunju 2021 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja, kif ukoll mill-*primi noti* tal-PC Terribile.

---

[1] Issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istitorja fil-każ ta' **Aidan Bartolo** deċiża fit-3 ta' Marzu 2016.

[2] Issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fl-1 ta' Marzu 2019 u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Tat-Taljan Company Limited vs L-Awtorita tal-Ippjanar** deċiża fit-2 ta' Novembru 2001.

Isostnu li din il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-aħħar talba tar-rikorrent u ċioe` m'għandhiex tidħol fil-mertu jekk ir-rikorrent għandux jitneħħa mis-sospensjoni għax dina hija materja interna.

Fir-rigward tat-talba għad-danni isostnu li r-rikorrent ma spjega bl-ebda mod kif ġie rekat dannu lilu u x'tip ta' sofferenza qiegħed ibgħati minħabba li allegatament mandat t'arrest kien nieqes minn xi formalita.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet, u la darba l-eċċezzjonijiet preliminari diġa' ġew deċiżi permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Ottubru 2023 u d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-24 ta' Ġunju 2024 għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi mal-ewwel sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar il-mertu.

**L-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Mandat ta' Arrest u Tfittixija li nħareġ fil-konfront tiegħu datat 15 ta' Jannar 2021 jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Kovenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-**Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nformat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew detenzjoni tiegħu:*

Filwaqt li l-**Artikolu 5(1) u 5(2) tal-Konvenzjoni Ewropea** jistipula s-segwenti:

> *(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*
>
> *(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;*
>
> *(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett*

*raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew litaħrab wara li tkun għamlet reat;*

*(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;*

*(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom,addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*

*(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad-deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*

*(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.*

Ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu isostni li l-eċċezzjonijiet għall-Artikolu 5(1) tal-Kovenzjoni, kollha għandhom rekwiżit in komuni, u ċioe' li l-arrest jew detenzjoni jrid ikun skont il-liġi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet **Medvedyev and Others v. France** deċiża fid-29 ta' Marzu 2010, fejn il-Qorti kkonkludiet:

*76. The Court reiterates that Article 5 of the Convention protects the right to liberty and security. This right is of the highest importance "in a democratic society" within the meaning of the Convention (see, among many other authorities, De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium, 18 June 1971, § 65, Series A no. 12, and Winterwerp v. the Netherlands, 24 October 1979, § 37, Series A no. 33).*

*77. All persons are entitled to the protection of this right, that is to say, not to be deprived, or continue to be deprived, of their liberty (see Weeks v. the United Kingdom, 2 March 1987, § 40, Series A no. 114), save in accordance with the conditions specified in paragraph 1 of Article 5.*

*78. The list of exceptions to the right to liberty secured in Article 5 § 1 is an exhaustive one (see Quinn v. France, 22 March 1995, § 42, Series A no. 311, and Labita v. Italy [GC], no. 26772/95, § 170, ECHR 2000-IV), and only a narrow interpretation of those exceptions is consistent with the aim of that provision (see Engel and Others v. the*

*Netherlands, 8 June 1976, § 58, Series A no. 22, and Amuur, cited above, § 42).*

*79. The Court further reiterates that where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law but also, where appropriate, to other applicable legal standards, including those which have their source in international law. In all cases it establishes the obligation to conform to the substantive and procedural rules of the laws concerned, but it also requires that any deprivation of liberty be compatible with the purpose of Article 5, namely, to protect the individual from arbitrariness (see, among many other authorities, Bozano v. France, 18 December 1986, § 54, Series A no. 111; Amuur, cited above, § 50; Assanidze v. Georgia [GC], no. 71503/01, § 171, ECHR 2004-II; Ilaşcu and Others, cited above, § 461; McKay v. the United Kingdom [GC], no. 543/03, § 30, ECHR 2006-X; and Mooren, cited above, § 76).*

*80. The Court stresses that where deprivation of liberty is concerned it is particularly important that the general principle of legal certainty be satisfied. It is therefore essential that the conditions for deprivation of liberty under domestic and/or international law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application, so that it meets the standard of "lawfulness" set by the Convention, a standard which requires that all law be sufficiently precise to avoid all risk of arbitrariness and to allow the citizen – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances of the case, the consequences which a given action may entail (see, among other authorities, Amuur, cited above; Steel and Others v. the United Kingdom, 23 September 1998, § 54, Reports 1998-VII; Baranowski v. Poland, no. 28358/95, §§ 50-52, ECHR 2000-III; and Jėčius v. Lithuania, no. 34578/97, § 56, ECHR 2000-IX).*

Kif ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Del Rio Prada vs Spain** deċiża fil-21 ta' Ottubru 2013 fejn ingħad is-segwenti:

*125. It is well established in the Court's case-law on Article 5 § 1 that all deprivation of liberty must not only be based on one of the exceptions listed in sub-paragraphs (a) to (f) but must also be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, including the question whether "a procedure prescribed by law" has been followed, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law. This primarily requires any arrest or detention to have a legal basis in domestic law*

> *but also relates to the quality of the law, requiring it to be compatible with the rule of law, a concept inherent in all the Articles of the Convention (see Kafkaris, cited above, § 116, and M. v. Germany, cited above, § 90). The "quality of the law" implies that where a national law authorises a deprivation of liberty, it must be sufficiently accessible, precise and foreseeable in its application to avoid all risk of arbitrariness (see Amuur v. France, 25 June 1996, § 50, Reports 1996-III). The standard of "lawfulness" set by the Convention requires that all law be sufficiently precise to allow the person – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail (see Baranowski v. Poland, no. 28358/95, § 52, ECHR 2000-III; M. v. Germany, cited above, § 90; and Oshurko v. Ukraine, no. 33108/05, § 98, 8 September 2011). Where deprivation of liberty is concerned, it is essential that the domestic law define clearly the conditions for detention (see Creangă v. Romania [GC], no. 29226/03, § 120, 23 February 2012).*

Fil-każ odjern, ir-rikorrent bl-ebda mod mhu jargumenta jew jimplika li l-liġijiet nazzjonali b'xi mod imorru kontra l-prinċipji stabbiliti bl-Artikolu 5 tal-Kovenzjoni Ewropea, iżda l-lanjanza prinċipali tiegħu hija li l-awtoritajiet ma mxewx mal-liġi fil-ħruġ u t-twettiq tal-mandat ta' arrest u tfittxija li sar fil-konfront tiegħu. Fis-sottomissjonijiet tiegħu jsostni li dan kien manifest b'dawn il-modi u ċioe:

1. Illi l-Mandat inħareġ minn Qorti żbaljata;
2. Illi ma kienx hemm raġunijiet biżżejjed biex joħroġ il-mandat li jikkonvinċu lil Maġistrat tal-Għassa *prima facie*;
3. L-informazzjoni li ngħatat lill-Maġistrat tal-Għassa biex inħareġ il-Mandat kienet mhux kompluta u qarrieqa bi ksur tal-Artikolu 355AH tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Il-Mandat ma kienx konformi ma' dak li timponi l-liġi fl-artikoli 355AG et seq, l-Artikolu 355AE u l-Artikolu 534B(3) tal-Kap 9.

Il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jsostnu li din il-Qorti m'għandhiex tanalizza jekk l-imsemmi mandat sarx skont id-dettami tal-artikoli 355A, 355AE u l-artikolu 534AB tal-Kap 9 stante li dawn il-lanjanzi ma jirriżultawx mir-rikors promotur.

Il-Qorti f'dan ir-rigward tosserva li l-ewwel talba tar-rikorrent hija pjuttost ġenerika u titlob indaġini dwar jekk il-Mandat in kwistjoni kisirx id-drittijiet tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tqis li r-referenza għall-artikoli ċitati mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta servew sabiex ir-rikorrent spjega lill-Qorti kif jħoss illi ġew leżi d-drittijiet tiegħu.

Fil-fatt il-lanjanza prinċipali tar-rikorrent, kif diġa' ingħad, hija propju li l-arrest ma sarx skont id-dettami u skont il-proċedura elekata fil-liġi – għalhekk ċertament li

jagħmel sens li r-rikorrent jelenka lill-Qorti bi preċiżjoni liema kienu l-passi proċedurali li fil-fehma tiegħu ma ġewx segwiti. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina l-punti elenkati.

- **<u>Mandat maħruġ minn Qorti zbaljata</u>**

Ir-rikorrent isostni primarjament li l-Mandat t'Arrest u Tfittxija ntalab quddiem il-Qorti Istruttorja meta ċertament li ma kien hemm ebda kumpilazzjoni fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tosserva li meta mistoqsi dwar il-fatt li l-Mandat t'Arrest kien intalab quddiem il-Qorti żbaljata, l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt kkonferma li dan kien sar bi żvista.

Issa, f'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva l-insenjament tagħha, kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Dr Joseph Brincat noe vs Avukat Ġenerali** deċiża 30 ta' Ġunju 2005 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Awwissu 2005 fejn il-Qorti qalet:

> *Illi fil-liġi tagħna, s-setgħat ta' arrest u detenzjoni huma maħsubin u regolati, fost l-oħrajn, fil-Kodiċi Kriminali stess. Bil-bidliet li daħlu fis-seħħ bl-Att III tal-2002, il-prinċipju llum hu li, għajr fejn xi dispożizzjoni ta' liġi ma tgħidx li arrest jista' jsir mingħajr mandat, kull arrest irid isir b'mandat ta' arrest mingħand Maġistrat, fuq talba tal-Pulizija għall-ħruġ tiegħu. Dan jidher li jgħodd għal kull mandat ta' arrest, magħduda dik li qabel kienet magħrufa bħala s-setgħa tal-Pulizija li teffettwa arrest amministrativ jew eżekuttiv. Jidher li, bis-saħħa tal-artikolu 355V, kull arrest (safejn m'hemmx l-eżenzjoni ta' mandat b'dispożizzjoni ta' liġi) irid ikun "arrest ġudizzjarju";*

Issa, l-**Artikolu 355 AH (1) tal-KAP 9** tal-Liġijiet ta' Malta igħid espressament hekk:

> *Kulmeta skont il-liġi l-għemil ta' xi att mill-Pulizija ikun jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat minn Maġistrat, uffiċjal tal-Pulizija jista' jattendi personalment quddiem Maġistrat u jitolbu joħroġ il-mandat dovut, filwaqt li jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dik it-talba u jagħti lill-Maġistrat dak it-tagħrif kollu li jista' jwassal lill-Maġistrat jiddeċiedi dwar dik it-talba. Qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ il-mandat il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal tal-Pulizija jikkonferma bil-ġurament it-tagħrif li jkun wassallu u l-mandat jinħareġ biss jekk il-Maġistrat ikun sodisfatt li jkunu jeżistu raġunijiet biżżejjed għall-ħruġ tal-mandat.*

Il-Qorti tosserva li l-liġi tirrikjedi li l-mandat t'arrest ikun maħruġ minn Maġistrat fuq talba tal-Pulizija u fl-ebda istanza ma ssemmi t-testatura li taħtha tali Maġistrat li għandu jiddeċiedi dwar l-arrest ikun qed jippresedi. B'hekk l-iżball fit-testatura ma jġibx l-invalidita' tal-arrest.

Issir referenza ukoll għall-minuti tas-seduta parlamentari (Laqgħa Nru. 110 L-Erbgħa, 7 ta' Novembru, 2001) fejn kienet diskussa appuntu din il-klawsola tal-ligi, u fejn intqal hekk:

> ***ONOR. TONIO BORG:*** *Sub-titolu VII jitkellem dwar kif jinħarġu l-mandati. Hawnhekk għamilniha ċara li f'każijiet urġenti t-talba għall-ħruġ ta' mandat tista' ssir b'fax. Fil-fatt subartiklu (2) ta' artiklu 355AG igħid li:*
>
> *"Mandat jew ordni bħal dawk għandu jkun fih ix-xorta tar-reat¸ isem-il persuna¸ jekk ikun magħruf¸ li r-reat ikun qed jiġi allegat li sar minnha u, fil-każ ta' mandat ta' perkwiżizzjoni, dan għandu jindika l-post fejn għandha ssir it-tfittxija.".*
>
> *Imbagħad artiklu 355AH qed igħid li:*
>
> *"Kulmeta skond il-liġi l-għemil ta' xi att mill-Pulizija ikun jeħtieġ il-ħruġ ta' mandat minn Maġistrat, uffiċjal tal-Pulizija jista' jattendi personalment quddiem Maġistrat u jitolbu joħroġ il-mandat dovut, filwaqt li jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dik it-talba u jagħti lill-Maġistrat dak it-tagħrif kollu li jista' jwassal lill-Maġistrat jiddeċiedi dwar dik it-talba. Qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ il-mandat il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal tal-Pulizija jikkonferma bil-ġurament it-tagħrif li jkun wassallu u l-mandat jinħareġ biss jekk il-Maġistrat ikun sodisfatt li jkunu jeżistu raġunijiet biżżejjed għall-ħruġ tal-mandat.*
>
> *F'każijiet urġenti¸ it-talba għall-ħruġ tal-mandat jistgħu jiġu mibgħuta wkoll bil-facsimile.".*
>
> ***ONOR. ANĠLU FARRUGIA:*** *Il-punt li rrid inqajjem huwa li l-pulizija jista' jkollha ħafna raġunijiet għalfejn għandha tarresta persuna u l-maġistrat ma jkunx jaqbel¸ kif ġara fl-Italja. (Interruzzjonijiet)*
>
> ***ONOR. TONIO BORG:*** *Ħlief jekk jaqgħu taħt waħda mill-eċċezzjonijiet tal-mandat. Fil-fatt aħna se nagħmlu l-ħtieġa tal-mandati biex mhux għax il-pulizija jkunu jridu mandat, il-mandat jinħareġ. (Interruzzjonijiet) <u>Li jista' jagħmel il-pulizija huwa li jmur għand maġistrat ieħor.</u> (Interruzzjonijiet) Jekk il-maġistrati jgħidu dejjem iva nistgħu nħallu s-sitwazzjoni kif inhi imma se jkun hemm ċerti okkażjonijiet fejn igħidu le. (Interruzzjonijiet)*
>
> *Subartiklu (1) ta' artiklu 355AJ igħid hekk:*
>
> *"Meta persuna tkun arrestata, sew b'mandat jew mingħajru, l-uffiċjal tal-pulizija li jkun qed jagħmel l-arrest jew is-superjur tiegħu għandu, kemm jista' jkun malajr u sakemm il-persuna arrestata ma tkunx inħelset fi żmien sitt siegħat mill-arrest tagħha, jgħarraf lill-Maġistrat, billi jagħtih id-dettalji kollha tal-ħin u l-post fejn il-persuna tkun qed tiġi miżmuma.".*
>
> *Hawnhekk qed ngħidu li kull arrest, b'warrant jew mingħajr warrant, irid jiġi notifikat lill-maġistrat ħlief jekk l-arrest ma jkunx dam aktar minn sitt sigħat.*
>
> ***ONOR. JASON AZZOPARDI:*** *Bażikament, fl-ewwel sitt sigħat m'għandekx għalfejn tinforma lill-maġistrat.*
>
> ***ONOR. TONIO BORG:*** *Iva, imma wara sitt sigħat trid tinforma lill-maġistrat. (Interruzzjonijiet) Din qed nibdluha minn kif kienet fl-abbozz ta' liġi numru 40 għax jekk¸ per eżempju¸ jaqbdu jagħtu waqt marċ tal-festa u żżommhom ftit sakemm jikkalmaw m'għandekx għalfejn toqgħod tinforma lill-maġistrat. Pero` jekk iżżommhom aktar minn sitt sigħat tkun trid tinformah.*
>
> *Tqajjem ukoll il-punt li jekk maġistrat ma jawtorizzax arrest il-pulizija tista' tirrikorri għand imħallef.*

***ONOR. ANĠLU FARRUGIA:*** *Din aħjar indaħħluha għax jista' jkollok każ eċċezzjonali. (Interruzzjonijiet)*

***DR SILVIO CAMILLERI:*** *Pero' aħjar ma nagħmluhiex immedjatament ħalli nagħmluha bi ħsieb. (Interruzzjonijiet)*

***THE CHAIRMAN:*** *Nistgħu niffissaw terminu ta' żmien li fih wieħed għandu jmur u mhux ġieli jgħaddu ġimgħatejn u dak li jkun ikun għadu ma marx? Naħseb li nistgħu nagħmlu li jekk ikun hemm serqa wieħed irid imur fi żmien 48 siegħa. (Interruzzjonijiet)*

***ONOR. TONIO BORG:*** *Mr Chairman, se nipproponi din l-emenda:*

*"R" Minnufih wara s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 355AH li jinsab fil-klawsola 66, għandu jidħol is-subartikolu li ġej:*

*"(4) Kull meta uffiċjal tal-pulizija jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' arrest jew ta' perkwiżizzjoni mingħand Maġistrat skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi u l-Maġistrat jirrifjuta li joħroġ dak il-mandat il-Pulizija tista' titlob il-ħruġ ta' l-istess mandat mingħand Imħallef li ordinarjament jippresjedi fil-Qorti Kriminali.".*

*"R" Immediately after subarticle (3) of article 355AH which is in clause 66 there shall be inserted the following subarticle:*

*"(4) Whenever a police officer requests the issue of a warrant of arrest or search from a Magistrate in accordance with the provisions of this Code and the Magistrate refuses to issue the warrant the Police may request the issue of the same warrant from a Judge who ordinarily sits in the Criminal Court.".*

Il-Qorti tqis illi minn hawnekk jirriżulta ċar x'kien l-iskop tal-legislatur. Għal-legislatur li kien importanti huwa illi l-Pulizija tottjeni l-Mandat ta' Arrest jew Perkwizizzjoni mingħand Maġistrat, u ma għamel ebda kundizzjoni jew kwalifika, hekk per eżempju kif għamel fil-każ ta' meta l-Pulizija tmur għand Imħallef, f'liema każ, ma jistgħax ikun Imħallef kwalsiasi imma wieħed li ordinarjament jippresjedi fil-Qorti Kriminali.

Fil-kaz in eżami jirriżulta ampjament ċar illi l-Mandat *de quo* kien in effetti ffirmat u maħruġ minn Magistrat *in office* u sakemm kien hekk u għal finijiet ta' dak hawnekk diskuss sa issa – din il-Qorti ma tarax għaliex tista' tikkonkludi illi l-Mandat ma nħariġx skond il-liġi.

**Għalhekk ma jistax jingħad li l-fatt waħdu li l-Mandat t'Arrest intalab u inħareġ mill-Qorti tal-Maġistrati Istruttorja jammonta għall-ksur tad-drittijiet sanċiti mill-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

- **<u>Ma kienx hemm raġunijiet sabiex jikkonvinċu lil Maġistrat, almenu fuq bażi prima facie, biex jinħareġ il-mandat</u>**

Ir-rikorrent qed isostni illi sal-ħin li saret it-talba mill-Pulizija lill-Maġistrat sabiex jinħareġ l-mandat ta' arrest, il-Pulizija kellha biss f'idejha lista ta' nies li daħlu fis-

sistema elettronika fuq isem Julian Gert Hofstra u sa dak il-ħin kien magħruf biss li hu, kif ukoll uffiċjali tal-Pulizija diversi, kien aċċeda sistema li tagħti dettalji li prattikament wieħed isib fuq il-karta tal-identita` ta' kull individwu u li hija liberament aċċessibli għal kull membru tal-korp tal-Pulizija u li ma tagħti l-ebda informazzjoni ulterjuri. Isostni li dan ċertament la kien u anqas seta' jkun reat kriminali.

Il-Qorti tqis it-test tal-**Artikolu 355AH** rigwardanti l-proċedura għal ħruġ ta' Mandat, u minn dak il-provvediment huwa ċar illi l-liġi trid illi meta l-Pulizija titlob il-ħruġ tal-Mandat :

a) *uffiċjal tal-Pulizija jista' jattendi personalment quddiem Maġistrat u*
b) *jitolbu joħroġ il-mandat dovut, filwaqt li jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dik it-talba u*
c) *jagħti lill-Maġistrat dak it-tagħrif kollu li jista' jwassal lill-Maġistrat jiddeċiedi dwar dik it-talba, u*
d) *l-mandat jinħareġ biss jekk il-Maġistrat ikun sodisfatt li jkunu jeżistu raġunijiet biżżejjed għall-ħruġ tal-mandat, tant illi jekk ihoss opportun, qabel ma jiddeċiedi jekk għandux joħroġ il-mandat, il-Maġistrat jista' jitlob lill-uffiċjal tal-Pulizija jikkonferma bil-ġurament it-tagħrif li jkun wassallu.*

Mill-provi jirriżulta illi l-Assistant Kummissarju Stephen Gatt ħa ħsieb imur għand il-Maġistrat sabiex jottjeni l-mandat ta' arrest. Jirriżulta ukoll illi t-talba għal ħrug tal-Mandat saret peress illi "*l-pulizija għandha bżonn illi tinvestiga lill-Ispettur Taliana u dan sabiex tara x'kienet ir-raguni għala huwa qiegħed b'kuntatt ma' dawn il-persuni u x'informazzjoni jekk hemm, qed jgħaddi lil dawn il-persuni*".

Minn qari tat-talba magħmula mill-Assistant Kummissarju Gatt lill-Maġistrat, jirriżulta ukoll illi t-tgħarif mogħti kien konsistenti fl-informazzjoni kunfidenzjali illi rċeviet il-Pulizija u li kellha tinvestiga, dwar possibilita' li l-Ispettur Taliana kien qed jgħaddi informazzjoni li huwa kellu aċċess għaliha tramite n-natura tax-xogħol tiegħu li tinkludi *data* personali, liema investigazzjoni kienet għada f'dak l-istadju *work in progress*.

B'dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti ma tarax kif tista' tikkonkludi illi din il-lanjanza mressqa mir-rikorrent għandha mis-sewwa, peress illi ma tarax illi kien hemm xi rekwiżit minn dawk elenkati nieqsa.

**Għalhekk ma jistax jingħad li l-Mandat t'Arrest li intalab u nħareġ jammonta għall-ksur tad-drittijiet sanċiti mill-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea peress illi ma kienx hemm raġunijiet biex jikkonvinċu lill-Maġistrat toħroġ tali Mandat.**

- **L-informazzjoni mhux kompluta u qarrieqa li ngħatat lill-Maġistrat għall-ħruġ tal-Mandat**

Ir-rikorrent jispjega li l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt naqas milli jiżvela lill-Maġistrat tal-Għassa li ma kienx unikament ir-rikorrent li aċċessa l-profil tal-persuna partikolari. Oltre' minn hekk, l-informazzjoni li ngħatat lill-Maġistrat kienet li r-rikorrent żvela informazzjoni li tinkludi *data* personali u investigazzjoni. Isostni li huwa ċar mix-xhieda li fir-rigward tal-informazzjoni relatata mal-investigazzjoni, ir-rikorrent lanqas kellu aċċess għaliha. Isostni li dan imur kontra l-Artikolu 355AH tal-Kap 9 li jimponi li l-Maġistrat jingħata dak it-tagħrif kollu li jista' jwassal sabiex il-Maġistrat jiddeċiedi t-talba.

L-intimati da parti tagħhom jgħidu li dan mhux minnu u dana stante li mix-xhieda tal-Assistent Kummissarju Gatt joħroġ ċar li huwa mexa fuq l-informazzjoni kienet ingħaddiet lilu mis-Supretendent James Grech, tramite il-Kummissarju tal-Pulizija, li kien infurmah li r-rikorrent kien aċċessa s-sistema u għadda informazzjoni lil terzi dwar data personali u investigazzjoni li kienet saħansitra waslet għand min kien qed jiġi investigat.

Il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt mexa fuq l-informazzjoni li kienet inġiebet a konoxxenza tiegħu. Wieħed mill-ilmenti tar-rikorrent huwa li l-istess Assistent Kummissarju ma tax lil Maġistrat kull isem ta' kull persuna li kienet aċċessat il-profil partikolari. Meta mistoqsi dwar dan l-Assistent Kummissarju wieġeb li dan kien minħabba li l-persuni kollha l-oħra li kienu aċċessaw il-profil kienu jaħdmu fis-sezzjoni fejn kienet qed issir l-investigazzjoni.

Dan ifisser illi fi kliem l-istess Assistant Kummissarju Gatt stess, mhux l-informazzjoni kollha kienet mgħoddija lill-Maġistrat illi kellha tiddeċiedi dwar il-ħruġ tal-Mandat o meno. Kif fuq kkwotat, il-liġi titkellem ċar u tgħid illi l-pulizija għandha tagħti dak it-**<u>tgħarif kollu</u>** – u dan il-leġislatur jagħmlu appuntu sabiex Maġistrat illi ser jieħu deċizjoni, ikollu stampa ċara u kompluta tal-fatti kollha illi l-Pulizija jkollha f'idejha f'dak l-istadju.

Il-Qorti xxebbah dan mal-ġurament illi jingħata xhud illi jkollha quddiemha, illi jgħid il-**verita' kollha** – u dan isir appuntu peress illi biex ġudikant jasal għall-aħjar deċiżjoni possibbli, b'mod ġust u ekwu, huwa meħtieg illi l-ġudikant ikollu quddiemu l-fatti kollha, il-verita' kollha u mhux parti minnha. Meta ġudikant ikollu l-istampa kollha u sħiħa, allura huwa mistenni illi ġudikant jagħmel ġudizzju aħjar.

Il-Qorti tifhem li kien aktar suspettuż li persuna li m'għandha x'taqsam xejn mal-investigazzjoni tkun aċċessat profil u tifhem ukoll l-urġenza da parti tal-Pulizija meta sar magħruf li informazzjoni kienet ġiet mgħoddija propju lil persuna li kienet qed tiġi investigata u li kien hemm il-bżonn li tittieħed azzjoni sabiex tali azzjoni tiġi mwaqqfa.

B'danakollu, u fil-kuntest tat-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Arrest, il-Qorti tqis illi informazzjoni bħal dik illi dak li kien aċċessa r-rikorrent seta' fil-grad tiegħu jaċċessah u kienet tipprovdielu biss informazzjoni bażika li tista' tinstab fuq l-ID card ta' persuna – il-Qorti tħoss illi din kienet informazzjoni illi l-Maġistrat kellha tkun taf biha u aktar minn hekk, informazzjoni illi l-Pulizija kienet obbligata illi tressaq għand il-Maġistrat sabiex din ikollha stampa ferm aktar ċara tal-fatti kollha qabel ma tieħu deċizjoni.

**Għalhekk tqis li l-informazzjoni li ngħatat lill-Maġistrat f'dak l-istadju ma kinitx kompluta, ma kinitx kollha, u l-Maġistrat ma ngħatax it-tgħarif kollu li jista' jwassal għall-aħjar deċizjoni, u b'hekk in kwantu illi jirriżultalha illi hemm ksur tal-Artikolu 355AH tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta ksur tad-drittijiet sanċiti mill-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

- **In-nuqqas ta' konformita' tal-Mandat mal-Liġi**

Issa, il-Qorti tosserva wkoll li fix-xhieda tiegħu l-Assistent Kummissarju Stephen Gatt jgħid li wara li l-Mandat ġie akkordat, hu ntebaħ li r-raġuni għall-arrest ma kinitx miktuba fuq il-Mandat, iżda l-Mandat ġie akkordat xorta waħda.

Tqis ukoll illi s-Supretendent Graziella Muscat ikkonfermat li "*l-karta ma kienx fiha r-raġuni għall-arrest*" iżda dwar dan saret taf wara. Ukoll tgħid illi hija spjegat lir-rikorrent li kien aċċeda s-sistema u daħal fi profil mhux relatat ma xogħolu. Tgħid li l-liġi żgur li ma kkwotatiex – imma tikkonferma illi r-reat kien li kien aċċessa s-sistema fuq kwistjoni mhux relatata ma xogħol. Kif fuq ngħad, mistoqsija in kontro-eżami qratx il-kontenut tal-Mandat qabel eżegwitu, tgħid li le - għax assumiet li la ġabu xi ħadd li kien f'kariga ogħla minn tagħha, kollox kien sew. Tikkonferma li wara ħafna saret taf li r-raġuni tal-arrest kienet nieqsa.

Għalhekk anke bejn l-verżjonijiet mogħtija miż-żewġ uffiċjali għolja tal-Pulizija hemm diverġenza, u filwaqt illi tal-ewwel, fit-talba tiegħu għal ħruġ tal-Mandat, jispjega lill-Magistrat illi Elton Taliana kellu jiġi nvestigat fuq informazzjoni li għaddiet għand terzi, it-tieni, li eżegwit il-mandat, tikkonferma illi r-reat kien illi aċċessa s-sistema.

Żewġ verzjonijiet għalhekk li għandha l-Qorti, f'kuntest fuq kollox fejn il-mandat ma jispeċifikax ir-reat jew allegat reat illi għalih inħareg il-Mandat. Wisq anqas tista' tkun komda din il-Qorti tikkonkludi illi r-rikorrenti kien jaf u ben mgħarraf bir-raġuni tal-ħrug u esekuzzjoni tal-Mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu kif kellu jkun.

Din il-Qorti tqis dan bħala nuqqas gravi.

Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 355AG(2) tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid testwalment hekk:

> *Mandat jew ordni bħal dawk għandu jkun fih **ix-xorta tar-reat**, isem-il persuna, jekk ikun magħruf, li r-reat ikun qed jiġi allegat li sar minnha u, fil-każ ta' mandat ta' perkwiżizzjoni, dan għandu jindika l-post fejn għandha ssir it-tfittxija.*

Il-Qorti fliet il-Mandat maħrug fil-15 ta' Jannar 2012 u tinnota illi tassew li ma fihx referenza għar-reat jew allegat reat illi kien qed jiġi investigat. Tant huwa minnu dan, illi l-Mandat jgħid testwalment hekk:

> *……… fil-kors ta' l-investigazzjonijiet mill-Pulizija rigwardanti* (l-Qorti tinnota illi hawnekk tħalla spażju) *u reati oħra.*

Għal-Qorti ma hemmx dubbju illi l-Mandat fih nuqqas serju meqjus important mill-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u żżid tgħid illi, b'żieda mal-ammissjoni tal-Assistent Kummissarju u s-Supretendent stess, id-dokumenti jitkellem waħdu u juri illi tħalliet barra r-referenza, mqar ġenerika, għar-reat jew allegat reat illi dwaru inħareg u ġie eżegwit l-istess Mandat.

**Għalhekk li n-nuqqas tar-reat miktub fil-Mandat igib nuqqas ai termini ta' dak li jrid l-Artikolu 355AG(2) tal-KAP 9 u b'hekk f'dan ir-rigward ukoll din il-Qorti ssib vjolazzjoni tal-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Konsiderazzjonijiet oħra**

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet fil-mertu, il-Qorti ma tistax tħalli inosservat ukoll dak li jsostni ir-rikorrent, fis-sens illi fil-kors taż-żmien tiegħu ta' servizz fil-Korp tal-Pulizija, u speċjalment fl-aħħar snin, huwa għadda minn diversi sfidi u persekuzzjonijiet magħmula fil-konfront tiegħu mis-superjuri tiegħu.

Ir-rikorrent jsostni illi dak li għadda minnhu fil-każ de quo, kien ieħor minn sensiela ta' attakki fil-konfront tiegħu sabiex huwa ma jieħux il-grad ta' Supretendent u fl-affidavit tiegħu jelenka, sostanzjati bid-dokumentazzjoni relattiva, numru ta' każijiet illi kellu jgħaddi minnhom, mhux lanqas kazijiet fejn kien imċaħħad mid-dritt illi japplika għal grad ta' Supretendent u każijiet fejn kien hemm tentattivi sabiex huwa jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija (vide para 12 et seq tal-affidavit tar-rikorrent).

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport tal-Uffiċċju tal-Ombudsman (DOK X6 – fol 79) li jikkonkludi ċar, f'Settembru 2019, illi r-rikorrent kellu raġun iressaq l-ilment tiegħu:

> *dwar ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħti t-tielet pip u jwaqqaf il-progression minn 8 għal wahda għola fejn il-complainant ilmenta li din*

> *kienet ingustizzja u li ma ghamel xejn hazin biex jimmerita dan it-trattament hażin mill-Korp tal-Pulizija.*

U fejn l-istess uffiċċju tal-Ombudsman jikkonkludi illi l-awtoritajiet tal-Pulizija

> *harġu jiġru biex jikkastigaw lill-complainant*.

Il-Qorti tara somiljanza u tqis applikabbli dik il-konklużjoni anke fil-każ odjern fejn intalab u ħareg il-Mandat ta' Arrest kontra r-rikorrent proprju meta r-rikorrenti kien qed jistenna illi jieħu l-grad ta' Supretendent, mhux lanqas wara illi kellu jakkwista dan id-dritt billi jirbaħ proċeduri legali wara azzjonijiet meħuda mis-superjuri tiegħu biex jostakolaw il-progressjoni tar-rikorrent, liema azzjonijiet ġew mxejna mill-Qrati.

Ir-riżultat - illi din l-għaġġla u dan l-aġir tas-superjuri tiegħu wasslu għal dak li kkostatat il-Qorti kif hawn fuq jingħad f'dawn l-odjerni proċeduri.

Il-Qorti qed tqis l-istorja turbulanti illi kellu jgħaddi minnha r-rikorrent fl-aħħar snin, ukoll għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens non-pekunjarju illi din il-Qorti sejra takkorda a favur ir-rikorrent bħala parti mir-rimedji illi sejra tagħti wara s-sejbien ta' ksur ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

**Għaldaqstant din il-Qorti, wara li qieset il-provi kollha mressqa u s-sottomissjonijiet magħmula, u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq jingħad, qed tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi, salv għal dak ġja deċiż b'mod definittiv fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari, tiċħad l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrent fis-sens illi :**

1. **<u>Tiddikjara</u> illi l-Mandat ta' Arrest u Tfittxija fil-konfront tar-rikorrent datat 15 ta' Jannar 2021 jilledi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 34(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija;**

2. **<u>Tiddikjara</u> li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija huwa ħati ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti Elton Taliana u tiddikjara konsegwentement illi l-arrest, id-detenzjoni, l-interrogazzjoni, it-tfittxija u t-teħid ta' oġġetti f'din it-tfittxija huma nulli billi huma konsegwenza diretta ta' eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest u Tfittxija li sar bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja;**

3. **<u>Tiddikjara</u> konsegwentament lill-intimat Kummisarju tal-Pulizija responsabbli għal kumpens u danni non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-arrest, detenzjoni, interrogazzjoni u tfittxija illegali, u**

**tillikwida tali kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' għoxrin elef Euro (€20,000);**

4. **<u>Tikkundanna</u> lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex iħallas il-kumpens hekk likwidat;**

5. **<u>Tordna</u> li isem ir-rikorrent jitħassar mid-'*detainee book*' miżmum mill-Pulizija fejn tniżżel illegalment u bi ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu u tordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija sabiex jirrevoka u jirreverti kwalsiasi deċizjoni illi huwa ħa fir-rigward tal-promozzjoni tar-rikorrent għal grad ta' Supretendent, sakemm dik id-deċiżjoni kienet konsegwenza diretta jew indiretta tal-arrest tar-rikorrent mertu ta' din id-deċizjoni.**

6. **<u>Tordna</u> lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jinserixxi kopja ta' din id-deċiżjoni fi kwalsiasi proċeduri pendenti li jista' hemm quddiem il-Qrati tagħna kontra r-rikorrent Elton Taliana u konsegwenti għall-arrest mertu ta' dawn il-proċeduri.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jkun a karigu tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**